

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) 2020/2011 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-1 ta' Diċembru 2020

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1409/2013 dwar l-istatistika tal-ħlasijiet (BĊE/2013/43)
(BĊE/2020/59)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' tagħrif statistiku mill-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 5(1) u 6(4) tiegħu,

Billi:

- (1) It-tagħrif relatat ma' ħlasijiet u statistika tas-sistemi ta' ħlas miġbura skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98 huwa essenzjali għall-identifikazzjoni u l-monitoraġġ ta' żviluppi fis-swieq tal-ħlasijiet fl-Istati Membri. Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jiġbor statistika dwar il-ħlasijiet speċifika għall-pajjiż u komparattiva sabiex ikun jista' jwettaq il-kompitu li jipromwovi t-tħaddim bla xkiel tas-sistemi ta' ħlas fl-Unjoni u b'hekk jgħin billi jikkontribwixxi għat-twettiq bla xkiel ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.
- (2) Minħabba li l-ħlasijiet isiru permezz ta' strumenti ta' ħlas u pproċessati minn sistemi ta' ħlas, il-ġbir ta' tagħrif statistiku dwar strumenti ta' ħlas huwa meħtieġ biex jiżgura l-operat bla xkiel tas-sistemi li jgħaddu minnhom. Barra minn hekk, peress li l-istandards fir-rigward tal-istrumenti ta' ħlas huma ddeterminati bi skemi ta' ħlas, il-ġbir ta' tagħrif statistiku dwar l-operat ta' skemi ta' ħlas huwa meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-funzjonament bla xkiel ta' daww is-sistemi ta' ħlas. Għal dawn il-finijiet, il-BĊE jeħtieġ tagħrif statistiku fuq bażi annwali u semi-annwali. Għalhekk, il-frekwenza tar-rapportar għandha tiżdied.
- (3) Fid-dawl tal-interkonnessjoni bejn strumenti ta' ħlas u sistemi ta' ħlas, l-operat bla xkiel tas-sistemi ta' ħlas jiddependi mill-fiduċja tal-pubbliku fl-istrumenti ta' ħlas. It-telf finanzjarju minħabba l-frodi jdgħajef il-fiduċja tal-pubbliku fl-istrumenti ta' ħlas u għalhekk huwa importanti li jiġu adottati miżuri li jiżguraw li l-istrumenti ta' ħlas ikunu sikuri u li l-utenti tagħhom u s-sistemi ta' ħlas li permezz tagħhom jgħaddu dawn il-ħlasijiet jkunu wkoll sikuri. Huwa għalhekk ġustifikat kif xieraq li jiġu mmonitorjati l-livelli ta' frodi, u l-mezzi li bihom titwettaq din il-frodi, biex tiġi żgurata s-sikurezza, is-sigurtà u l-effiċjenza ta' daww l-istrumenti, u b'hekk jiġi żgurat l-operat bla xkiel tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU L 318, 27.11.1998, p. 8.

- (4) Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ^(?) tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi ta' ħlas (PSPs) jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, għall-inqas fuq bażi annwali, tagħrif statistiku dwar il-frodi relatati ma' mezzi differenti ta' ħlas. Id-dettalji dwar dan it-tagħrif statistiku, kif ukoll id-*data* aggregata li l-awtoritajiet kompetenti jridu jikkondividu mal-EBA u mal-BĊE huma pprovduti fil-Linji Gwida tal-EBA dwar ir-reqwiziti tar-rapportar għal *data* dwar frodi ^(?). Peress li l-Linji Gwida tal-EBA jiffukaw fuq ir-rapportar ta' *data* li hija rilevanti l-aktar għal finijiet superviżorji, jenħteġ li jiġi żgurat li l-informazzjoni statistika disponibbli għall-BĊE tippermettli jwettaq b'mod effettiv il-kompiti ta' sorveljanza tiegħu, pereżempju, billi jimmonitorja b'mod preċiż ix-xejriet f'servizzi ta' ħlas ġodda, billi jifformula politiki fi swieq ta' ħlas bl-immunità li qegħdin jevolvu malajr u billi jivvaluta l-grad ta' sigurezza u effiċjenza tal-istrumenti ta' ħlas sabiex jittaffew ir-riskji speċifiċi (eż. riskji finanzjarji u operazzjonali) relatati mal-iskemi ta' ħlas individwali. Bħala konsegwenza, għandu jkun meħtieġ rapportar aktar dettaljat dwar il-frodi. L-aġenti li jirrapportaw b'hekk għandhom jirrapportaw mhux biss tagħrif statistiku dwar frodi għal kull strument ta' ħlas (eż. strumenti ta' ħlas permezz ta' kard, trasferimenti ta' kreditu, debiti diretti) kif previst mil-Linji Gwida tal-EBA, iżda għandhom jirrapportaw ukoll *data* aktar dettaljata dwar kanali ta' ħlas, skemi ta' ħlas, tranżazzjonijiet ta' ħlas transkonfinali permezz ta' kard u tqassim skont il-pajjiż. Sabiex jiġu ssimplifikati r-reqwiziti ta' rapportar għall-aġenti li jirrapportaw, il-frekwenza tar-rapportar għandha tikkorrispondi mal-frekwenza tar-rapportar taħt il-Linji Gwida tal-EBA.
- (5) Għall-istess raġunijiet u biex ikun żgurat rapportar konsistenti, id-definizzjonijiet u l-metodoloġija stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1409/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/43) ^(*) għandhom ikunu allinjati mad-definizzjonijiet u l-metodoloġija stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2015/2366 safejn ikun applikabbli għall-finijiet tal-kompiti tas-SEBĊ.
- (6) B'mod aktar ġenerali l-metodoloġija li permezz tagħha jinġabar it-tagħrif statistiku dwar il-ħlasijiet u s-sistemi ta' ħlas għandha tqis l-iżviluppi fil-qafas legali għar-regolamentazzjoni tal-ħlasijiet fl-Unjoni. Kwalunkwe riforma tar-regolamentazzjoni tal-ħlasijiet fl-Unjoni għandha għalhekk tittieħed inkunsiderazzjoni meta tiġi ddeterminata l-metodoloġija għall-ġbir tat-tagħrif statistiku dwar dawk il-ħlasijiet. Għaldaqstant, għandhom jitqiesu d-dispożizzjonijiet fid-Direttiva (UE) 2015/2366 relatati ma' servizzi ta' ħlas addizzjonali, servizzi ta' bidu ta' ħlas, servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet u l-liċenzjar u s-superviżjoni ta' tipi ġodda ta' PSPs, fornituri ta' servizzi ta' bidu ta' ħlas u fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet biex jiġi żgurat li l-informazzjoni fil-qasam tal-ħlasijiet u l-istatistika tas-sistemi ta' ħlas tkun kompluta. Għalhekk huwa meħtieġ li tinġabar informazzjoni dwar l-attivitajiet ta' dawn il-PSPs ġodda u, b'mod partikolari, dwar is-servizzi li jipprovdu biex wieħed jifhem ir-rwoli li jwettqu fl-ekonomija. Ir-reqwiziti ta' rapportar eżistenti għandhom għalhekk jiġu estiżi biex jinkludu informazzjoni relatata mal-attivitajiet ta' dawn it-tipi ġodda ta' PSPs, kif ukoll informazzjoni relatata ma' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur u kwalunkwe eżenzjoni għall-applikazzjoni tagħha, sabiex is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali tkun tista' tissodisfa l-kompiti ta' sorveljanza indipendenti tagħha.
- (7) Sabiex jiġi mmonitorjat il-kummerċ transkonfinali u titjeb il-kwalità ġenerali tal-informazzjoni meħtieġa biex tiġi kkompilata statistika dwar il-bilanċ tal-ħlasijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-partita dwar l-ivvjaġġar, it-trasport, u l-partita dwar il-kummerċ online ta' prodotti u servizzi (kummerċ elettroniku), huwa meħtieġ aktar dettall dwar tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard. Il-ġbir ta' tagħrif statistiku dwar is-settur tal-attività tan-negożjant, permezz tal-kodiċi tal-kategorija tan-negożjant (MCC), u l-ġbir ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard fuq bażi globali jippermettu analiżi profonda ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas internazzjonali u allokkazzjoni preċiża tal-ħlasijiet bejn id-diversi kategoriji ta' prodotti u servizzi. Għall-istess raġuni, l-aġenti li jirrapportaw għandhom ikunu meħtieġa jirrapportaw din l-istatistika fuq bażi trimestrali, u fi ħdan skadenzi iqsar sabiex itejbu r-rilevanza u l-utilità tagħhom u sabiex jikkontribwixxu għall-kumpilazzjoni ta' bilanċi ta' ħlasijiet trimestrali.
- (8) L-iżgurar tal-ġbir tal-informazzjoni l-aktar rilevanti fi ħdan metodoloġiji effettivi jippermetti l-ġabra ta' statistika preċiża. Frekwenza ta' rapportar aktar spissa u tqassim ġeografiku aktar dettaljat tal-istatistika tal-ħlasijiet huma għalhekk meħtieġa biex titjeb il-valutazzjoni tal-iżviluppi fuq żmien qasir fl-attività ekonomika, inkluż il-konsum privat kull tliet xhur, li jifforma komponent ċentrali tat-tbassir tal-PDG.

^(?) Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

^(?) Linji Gwida tal-Awtorità Bankarja Ewropea dwar reqwiziti ta' rapportar għal *data* dwar frodi taħt l-Artikolu 96(6) PSD2, EBA/GL/2018/05.

^(*) Regolament (UE) Nru 1409/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-28 ta' Novembru 2013 dwar l-istatistika tal-ħlasijiet (BĊE/2013/43) (ĠU L 352, 24.12.2013, p. 18).

- (9) Fid-dawl tal-prinċipju tal-proporzjonalità, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom ikunu jistgħu jagħtu derogi lill-aġenti li jirraportaw fir-rigward tar-rekwiżiti ta' rapportar statistiku stabbiliti f'dan ir-Regolament taħt kundizzjonijiet speċifiċi fejn l-għoti ta' dawk id-derogi ma jimpedixx lis-SEBĊ milli twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv. Barra minn hekk, il-BĊNi għandu jkollhom is-setgħa li jiġbru t-tagħrif statistiku meħtieġ dwar il-ħlasijiet permezz tal-awtorità nazzjonali kompetenti (ANK) rilevanti li diġà tiġbor *data* mingħand l-aġenti li jirraportaw, skont l-arranġamenti ta' kooperazzjoni lokali. Bl-istess mod, għandu jkun possibbli li tagħrif statistiku kunfidenzjali dwar frodi miġbur taħt dan ir-Regolament jiġi trażmess lil ANK sabiex jiġi ffaċilitat il-ġbir ta' *data* taħt id-Direttiva (UE) 2015/2366, diment li jiġu osservati r-regoli għall-protezzjoni u l-użu ta' tagħrif statistiku kunfidenzjali fir-Regolament (KE) Nru 2533/98.
- (10) Il-Kummissjoni Ewropea ġiet ikkonsultata dwar l-emendi għar-rekwiżiti statistiċi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1409/2013 (BĊE/2013/43) skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 2533/98.
- (11) Sabiex l-aġenti li jirraportaw jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju, l-ewwel rapportar ma għandux japplika għal perjodu ta' mil-inqas 12-il xahar mid-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (12) Ir-Regolament (UE) Nru 1409/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/43) għandu għalhekk jiġi emendat f'dan is-sens,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1409/2013 (BĊE/2013/43)

Ir-Regolament (UE) Nru 1409/2013 (BĊE/2013/43) huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa emendat skont kif ġej:

(a), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) ‘fornitur ta’ servizzi ta’ ħlas’, ‘istituzzjoni ta’ ħlas’, ‘sistema ta’ ħlas’ u ‘tranżazzjoni ta’ ħlas’ għandhom l-istess tifsira mogħtija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(*) Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).”;

(b) il-punt (e) li ġej huwa miżjud:

“(e) ‘servizz ta’ ħlas’ tfisser kwalunkwe mill-attivitajiet ta’ negozju elenkati fl-Anness I għad-Direttiva (UE) 2015/2366 jew kwalunkwe mis-servizzi elenkati fl-Artikolu 4(3)(a) ta’ dan ir-Regolament.”;

2. L-Artikolu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 2

Popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar

Il-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar għandha tikkonsisti f'fornituri ta' servizzi ta' ħlas (inklużi emittenti ta' flus elettroniċi) u f'operaturi ta' sistemi ta' ħlas.”;

3. fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-popolazzjoni attwalment soġġetta għar-rapportar imsemmija fl-Artikolu 2 għandha tirrapporta t-tagħrif statistiku lill-BĊN tal-Istat Membru li fiha huwa residenti l-aġent rilevanti li jirrapporta, b'mod dirett jew permezz tal-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti skont l-arranġamenti ta' kooperazzjoni lokali, kif speċifikat fl-Anness III u filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kjarifiki u d-definizzjonijiet provduti fl-Annessi I u II. Dawk l-aġenti li jirrapportaw għandhom jirrapportaw it-tagħrif statistiku meħtieġ skont l-istandards minimi stabbiliti fl-Anness IV”;

4. L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“Artikolu 4

Derogi

1. Għall-finijiet tal-għoti ta' derogi lill-aġenti li jirrapportaw, il-BĊNi għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipju tal-proporzjonalità.
2. Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi lill-aġenti li jirrapportaw li ġejjin fir-rigward tar-rekwiżiti tar-rapportar imsemmija fl-Artikolu 3(1) u skont il-paragrafi 3 u 4:
 - (a) istituzzjonijiet ta' hłas, meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 32 tad-Direttiva (UE) 2015/2366;
 - (b) istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi, meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/110/KE;
 - (c) fornituri ta' servizzi ta' hłas għajr dawk imsemmija fil-punti (a) u (b), meta jissodisfaw kemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 32(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 kif ukoll il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 9(1) u (2) tad-Direttiva 2009/110/KE.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi irrispettivament minn jekk l-aġenti li jirrapportaw ingħatawx rinunzja jew ġewx eżentati mir-rekwiżiti prudenzjali skont il-liġi nazzjonali rilevanti li tittrasponi d-Direttiva (UE) 2015/2366 u d-Direttiva 2009/110/KE.

3. Il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi skont il-paragrafu 4 lill-aġenti li jirrapportaw imsemmija fil-paragrafu 2 fejn tapplika xi waħda minn dawn li ġejjin:
 - (a) il-valur totali, kif ikkontribwit mill-fornituri kollha ta' servizzi ta' hłas li jistgħu jibbenefikaw minn dik id-deroga, ta' kull wieħed mis-servizzi ta' hłas li ġejjin ma jaqbiżx 5 % fil-livell nazzjonali:
 - (i) trasferimenti ta' kreditu (mibgħuta),
 - (ii) debiti diretti (mibgħuta),
 - (iii) tranżazzjonijiet ta' hłas permezz ta' kard (mibgħuta u riċevuti),
 - (iv) għbid ta' flus kontanti bl-użu ta' strumenti ta' hłas permezz ta' kard,
 - (v) tranżazzjonijiet ta' hłas bi flus elettroniċi (mibgħuta),
 - (vi) ċekkijiet (mibgħuta),
 - (vii) rimessi ta' flus (mibgħuta),
 - (viii) servizzi ta' hłas oħrajn (mibgħuta),
 - (ix) servizzi ta' bidu ta' hłas,
 - (x) servizzi oħrajn mhux inklużi fid-Direttiva (UE) 2015/2366 (mibgħuta);
 - (b) in-numru totali ta' konsumaturi, kif ikkontribwit mill-fornituri kollha ta' servizzi ta' hłas li jistgħu jibbenefikaw minn dik id-deroga, ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet ma jaqbiżx il-5 % fil-livell nazzjonali.

Għall-finijiet tal-punt (a) il-valur totali kumulattiv, kif ikkontribwit mill-fornituri kollha ta' servizzi ta' hłas li jistgħu jibbenefikaw minn dik id-deroga, tas-servizzi ta' hłas elenkati hemmhekk ma għandux jaqbeż il-5 % fil-livell nazzjonali.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-BĊNi jistgħu jagħtu derogi biss meta l-piż tar-rapportar ikun sproporzjonat fir-rigward tad-daqs ta' dawk l-aġenti li jirrapportaw.

4. L-aġenti li jirrapportaw li ngħataw derogi skont il-paragrafi 2 u 3 għandhom jirrapportaw tagħrif statistiku skont it-Tabelli 4b u 5b tal-Anness III.
5. Il-BĊNi għandhom jivverifikaw il-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 fuq bażi annwali u fi żmien biżżejjed sabiex jagħtu jew jirtiraw kwalunkwe deroga b'effett mill-bidu tat-tieni sena kalendarja suċċessiva fejn meħtieġ. Dik il-verifika għandha tkun ibbażata fuq il-perjodi ta' rapportar rilevanti għat-12-il xahar li jippreċedu immedjatament il-perjodu ta' referenza li fih issir il-valutazzjoni.
6. Fejn il-BĊNi jagħti deroga skont dan l-Artikolu, huwa għandu jinnotifika lill-BĊE b'dan fl-istess ħin li jirrapporta t-tagħrif skont l-Artikolu 6.

7. Il-BĊE għandu jippubblika l-lista tal-entitajiet li jingħataw derogi mill-BĊNi skont dan l-Artikolu.”;
5. L-Artikolu 6 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 6

Tempestività

1. It-tagħrif statistiku rrapportat skont l-Anness III għandu jiġi trażmess mill-BĊNi lill-BĊE fuq bażi annwali, semi-annwali jew trimestrali u skont kif ġej:
- (a) għar-rapportar fuq bażi trimestrali, it-tagħrif statistiku stabbilit fit-Tabella 9 tal-Anness III għandu jiġi trażmess sal-għeluq tan-negozju fl-aħħar jum tax-xogħol tat-tieni xahar wara t-tmiem tat-trimestru rilevanti;
- (b) għar-rapportar fuq bażi semi-annwali, it-tagħrif statistiku stabbilit fil-Tabelli 1, 2, 3, 4a, 5a, 6, 7 u 8 tal-Anness III għall-perjodu minn Jannar sa Ġunju għandu jiġi trażmess sal-għeluq tan-negozju fl-aħħar jum tax-xogħol ta' Novembru wara t-tmiem tal-ewwel nofs tas-sena li jirreferi għaliha. It-tagħrif statistiku għall-perjodu minn Lulju sa Diċembru għandu jiġi trażmess sal-għeluq tan-negozju fl-aħħar jum tax-xogħol ta' Mejju wara t-tmiem tat-tieni nofs tas-sena li jirreferi għaliha;
- (c) għar-rapportar fuq bażi annwali, it-tagħrif statistiku stabbilit fit-Tabelli 4b u 5b tal-Anness III għandu jiġi trażmess bi tqassim ta' nofs sena sal-għeluq tan-negozju fl-aħħar jum tax-xogħol ta' Mejju wara s-sena li jirreferi għaliha.
2. Il-BĊNi għandhom jistabbilixxu skadenzi ċari għar-rapportar għall-aġenti li jirrapportaw. Dawk l-iskadenzi għar-rapportar għandhom jistabbilixxu b'mod ċar il-frekwenza li biha l-aġenti li jirrapportaw għandhom jirrapportaw lill-BĊNi u għandhom jiżguraw li l-BĊNi jkunu jistgħu jilhqqu l-iskadenzi għar-rapportar tagħhom mal-BĊE stabbiliti fil-paragrafu 1.”;
6. L-Artikolu 8a li ġej huwa mdaħħal:

“Artikolu 8

L-ewwel rapportar ta' tagħrif statistiku trimestrali, semi-annwali u annwali

1. Ir-rapportar lill-BĊE mill-BĊNi ta' tagħrif statistiku trimestrali u semi-annwali għandu jibda b'*data* trimestrali għal Q1 tal-2022 sat-tmiem ta' Mejju 2022 u *data* semi-annwali għal H1 tal-2022 sal-aħħar ta' Novembru 2022.
2. Ir-rapportar lill-BĊE mill-BĊNi għal tagħrif statistiku aggregat bi tqassim semi-annwali b'rabta ma' aġenti li jirrapportaw mogħtija deroga skont il-paragrafi (2) u (3) tal-Artikolu 4 għandu jibda bil-perjodi ta' referenza [H1 u H2 tal-2022 sal-aħħar ta' Mejju 2023]”;
7. L-Annessi I, II u III tar-Regolament (UE) Nru 1409/2013 huma sostitwiti bl-Annessi I, II u III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet finali

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-1 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Christine LAGARDE

ANNEX I

STRUTTURA ĠENERALI TAL-ISTATISTIKA TAL-ĦLASIJET

PARTI 1

Ħarsa ġenerali

Parti 1.1 Harsa ġenerali lejn it-tabelli

1. Statistika tal-ħlasijiet tiġi kkompilata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) permezz tal-ġbir ta' *data* armonizzata speċifika ġestit fil-livell nazzjonali minn kull bank ċentrali nazzjonali (BĊN). Il-kompilazzjoni tad-*data* hija strutturata fil-forma ta' disa' tabelli, kif deskritt hawn taħt, li fihom id-*data* nazzjonali dwar kull Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro (minn hawn 'il quddiem "Stat Membru taż-żona tal-euro"). It-tabelli 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 9 għandhom jiġu rrapportati minn fornituri ta' servizzi ta' ħlas (PSPs), filwaqt li t-Tabelli 7 u 8 għandhom jiġu rrapportati minn operaturi ta' sistemi ta' ħlas (PSOs). Hemm żewġ verżjonijiet tat-Tabelli 4 u 5, li minnhom waħda biss għandha tkun irrapportata. It-Tabelli 4a u 5a għandhom jiġu rrapportati mill-PSPs kollha li ma ngħatawx deroga skont l-Artikolu 4, filwaqt li l-aġenti li jirrapportaw li ngħataw deroga skont l-Artikolu 4(2) u (3) għandhom jirrapportaw it-tagħrif statistiku fit-Tabelli 4b u 5b.

Tabella	Deskrizzjoni tal-kontenut prinċipali
Tabella 1: Istituzzjonijiet li joffru servizzi ta' ħlas lil istituzzjonijiet li mhumiex istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (istituzzjonijiet li mhumiex MFIs)	Tqassim li juri n-numru ta' depożiti matul il-lejl, in-numru ta' kontijiet ta' ħlas, in-numru ta' kontijiet ta' flus elettroniċi u l-valur pendenti fuq ħażniet ta' flus elettroniċi maħruġa, minn istituzzjonijiet ta' kreditu, istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi, istituzzjonijiet ta' ħlas u fornituri oħrajn ta' servizzi ta' ħlas (PSPs) u emittenti ta' flus elettroniċi. Barra minn hekk, qed jiġi inkluż tqassim li juri n-numru ta' klijenti ta' fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet (AISPs) u n-numru ta' kontijiet aċċessati mill-AISPs. In-numru ta' kontijiet aċċessati mill-AISPs huwa rrapportat mill-ASPSP filwaqt li l-AISPs jirrapportaw in-numru tal-klijenti tagħhom.
Tabella 2: Funzjonijiet tal-kards	Numru ta' kards maħruġa minn PSPs residenti fil-pajjiż. Id- <i>data</i> dwar il-kards hija kkompilata bi tqassim skont il-funzjoni tal-kard u fi ħdan il-funzjoni tal-kard bi tqassim skont l-iskema tal-kard.
Tabella 3: Apparat li jaċċetta kards	Numru ta' terminals ipprovduti minn PSPs residenti fil-pajjiż. Id- <i>data</i> dwar it-terminals tidistingwi bejn magni tal-flus awtomatizzati (ATMs), terminals fil-punt tal-bejgħ (POS) u terminals tal-kards tal-flus elettroniċi u bejn il-funzjonijiet tat-terminal.
Tabella 4a: Tranżazzjonijiet ta' ħlas li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex MFIs	In-numru u l-valur tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas mibgħuta u riċevuti minn istituzzjonijiet li mhumiex MFIs permezz ta' PSPs residenti fil-pajjiż bi tqassim bejn tranżazzjonijiet mill-bogħod u mhux mill-bogħod. It-tranżazzjonijiet huma kkompilati skont is-servizz ta' ħlas, il-kanal tal-bidu u fl-iskemi ta' ħlas bi tqassim bejn l-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur (SCA) u l-awtentikazzjoni mhux qawwija tal-konsumatur (non-SCA). Għal tranżazzjonijiet awtentikati permezz ta' non-SCA jingħataw ir-raġunijiet għall-awtentikazzjoni permezz ta' non-SCA.
Tabella 4b: Tranżazzjonijiet ta' ħlas li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex MFIs rrapportati minn aġenti li jirrapportaw mogħtija deroga	In-numru u l-valur tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas mibgħuta u riċevuti minn istituzzjonijiet li mhumiex MFIs permezz ta' PSPs residenti fil-pajjiż bi tqassim bejn tranżazzjonijiet mill-bogħod u mhux mill-bogħod. It-tranżazzjonijiet huma kkompilati skont is-servizz ta' ħlas, il-kanal tal-bidu u bi tqassim bejn l-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur (SCA) u l-awtentikazzjoni mhux qawwija tal-konsumatur (non-SCA) bir-raġunijiet għall-użu ta' non-SCA. It-Tabella 4b hija rrapportata biss mill-PSPs li ngħataw deroga.

Tabella	Deskrizzjoni tal-kontenut prinċipali
<p>Tabella 5a: Tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulent li jinvolve istituzzjonijiet li mhumiex MFIs</p>	<p>In-numru u l-valur tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulent mibgħuta u riċevuti minn istituzzjonijiet li mhumiex MFIs permezz ta' PSPs residenti fil-pajjiż. It-tranżazzjonijiet huma kkompilati skont is-servizz ta' ħlas, il-kanal tal-bidu u fl-iskemi ta' ħlas bi tqassim skont l-oriġini tal-frodi u tqassim bejn awtentikazzjoni qawwiya tal-konsumatur (SCA) u awtentikazzjoni mhux qawwiya tal-konsumatur (non-SCA). Għal tranżazzjonijiet awtenikati permezz ta' non-SCA, jingħataw ir-raġunijiet għall-awtentikazzjoni permezz ta' non-SCA.</p>
<p>Tabella 5b: Tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulent li jinvolve istituzzjonijiet li mhumiex MFIs rapportati minn aġenti li jir-rapportaw mogħtija deroga</p>	<p>In-numru u l-valur tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulent mibgħuta u riċevuti minn istituzzjonijiet li mhumiex MFIs permezz ta' PSPs residenti fil-pajjiż. It-tranżazzjonijiet huma kkompilati skont is-servizz ta' ħlas, il-kanal tal-bidu u l-metodu ta' awtentikazzjoni; it-tqassim skont l-SCA u n-non-SCA jinqasmu aktar skont l-oriġini tal-frodi, u għat-tqassim skont in-non-SCA, skont ir-raġuni għall-awtentikazzjoni permezz ta' non-SCA. It-Tabella 5b hija rrapportata biss minn PSPs li ngħataw deroga.</p>
<p>Tabella 6: Tranżazzjonijiet ta' ħlas skont it-tip ta' terminal li jinvolve istituzzjonijiet li mhumiex MFIs</p>	<p>In-numru u l-valur tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas mibgħuta minn istituzzjonijiet li mhumiex MFIs permezz ta' PSPs. It-tranżazzjonijiet huma kkompilati skont it-tip ta' terminal involut bi tqassim ġeografiku. In-numru u l-valur tal-għbid u d-depożiti ta' flus kontanti over the counter (OTC) huma inklużi wkoll, bħal ma huma n-numru u l-valur tal-antiċipi ta' flus kontanti fit-terminals POS.</p>
<p>Tabella 7: Parteċipazzjoni f'sistemi ta' ħlas magħżulin</p>	<p>In-numru ta' parteċipanti f'kull sistema ta' ħlas li tinsab fil-pajjiż, b'distinzzjoni bejn parteċipanti diretti u indiretti u fi ħdan il-partiċipanti diretti bi tqassim skont it-tip ta' istituzzjoni.</p>
<p>Tabella 8: Ħlasijiet ipproċessati minn sistemi ta' ħlas magħżulin</p>	<p>In-numru u l-valur tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas ipproċessati minn kull sistema ta' ħlas li tinsab fil-pajjiż, skont is-servizz ta' ħlas u bi tqassim ġeografiku.</p>
<p>Tabella 9: Rapportar trimestrali tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas li jinvolve istituzzjonijiet li mhumiex MFIs</p>	<p>In-numru u l-valur tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas mibgħuta minn istituzzjonijiet li mhumiex MFIs. It-tranżazzjonijiet huma kkompilati skont is-servizz ta' ħlas u l-kanal tal-bidu. It-tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard jinqasmu aktar skont il-kodiċi tal-kategorija tan-negozjant (MCC).</p>

Parti 1.2 Tip ta' informazzjoni

1. Id-*data* tal-istokk, kif tinsab fit-Tabelli 1, 2, 3 u 7, tirreferi għat-tmiem tal-perjodu, jiġifieri l-pożizzjonijiet fl-aħħar jum tax-xogħol tal-perjodu ta' referenza. L-indikaturi tal-valur pendenti fuq ħażniet ta' flus elettroniċi maħruġa huma kkompilati f'euro u jirreferu għall-ħażniet ta' ħlas iddenominati fil-muniti kollha.
2. Id-*data* tal-fluss, kif tinsab fit-Tabelli 4, 5, 6, 8 u 9, tirreferi għal tranżazzjonijiet ta' ħlas akkumulati matul il-perjodu, jiġifieri t-total għall-perjodu ta' referenza. L-indikaturi tal-valur tat-tranżazzjonijiet huma kkompilati f'euro u jirreferu għal tranżazzjonijiet ta' ħlas iddenominati fil-muniti kollha.

Parti 1.3 Konsolidazzjoni fi ħdan l-istess territorju nazzjonali

1. Għal kull Stat Membru taż-żona tal-euro, il-popolazzjoni soġġetta għar-rapportar tikkonsisti minn PSPs u PSOs.
2. Il-PSPs huma istituzzjonijiet inkorporati u li jinsabu f'dak it-territorju, inklużi sussidjarji tal-kumpaniji omm li jinsabu barra minn dak it-territorju, u fergħat ta' istituzzjonijiet li għandhom l-uffiċċju prinċipali barra minn dak it-territorju.
 - (a) Is-sussidjarji huma entitajiet inkorporati separati li fihom entità oħra għandha maġġoranza jew parteċipazzjoni sħiħa.

- (b) Il-fergħat huma entitajiet mhux inkorporati mingħajr status legali indipendenti li huma kollha proprjetà tal-kumpanija omm.
3. Għall-finijiet tal-istatistika, il-prinċipji li ġejjin japplikaw għall-konsolidazzjoni tal-PSPs fil-konfini nazzjonali:
- (a) Jekk kumpanija omm u s-sussidjarji tagħha huma PSPs li jinsabu fl-istess territorju nazzjonali, il-kumpanija omm hija awtorizzata biex fil-prospetti tal-istatistika tagħha tikkonsolida n-negozju ta' dawn is-sussidjarji. Dan japplika biss f'każ illi l-kumpanija omm u s-sussidjarji tagħha huma kklassifikati bħala l-istess tip ta' PSP.
- (b) Jekk istituzzjoni jkollha fergħat li jinsabu fit-territorji tal-Istati Membri l-oħrajn taż-żona tal-euro, l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali li jinsab fi Stat Membru partikolari taż-żona tal-euro jqis dawn il-fergħat bħala residenti fl-Istati Membri l-oħrajn taż-żona tal-euro. Bil-kontra, fergħa li tinsab fi Stat Membru partikolari taż-żona tal-euro tqis l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali jew fergħat oħrajn tal-istess istituzzjoni li jinsabu fit-territorji tal-Istati Membri l-oħrajn taż-żona tal-euro bħala residenti fl-Istati Membri l-oħrajn taż-żona tal-euro.
- (c) Jekk istituzzjoni jkollha fergħat li jinsabu barra mit-territorju tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali li jinsab fi Stat Membru partikolari taż-żona tal-euro jqis dawn il-fergħat bħala residenti tal-bqija tad-dinja. Bil-kontra, fergħa li tinsab fi Stat Membru partikolari taż-żona tal-euro tqis l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali jew il-fergħat l-oħrajn tal-istess istituzzjoni li jinsabu barra mill-Istati Membri taż-żona tal-euro bħala residenti tal-bqija tad-dinja.
4. Għall-finijiet tal-istatistika, il-konsolidazzjoni tal-PSPs bejn konfini nazzjonali mhijiex permessa.
5. Jekk PSO jkun responsabbli għal diversi sistemi ta' hłas li jinsabu fl-istess territorju nazzjonali, l-istatistika għal kull sistema ta' hłas tiġi rrapportata b'mod separat.
6. Istituzzjonijiet li jinsabu f'ċentri finanzjarji offshore huma meqjusa statistikament bħala residenti tat-territorji fejn jinsabu ċ-ċentri.

PARTI 2

Karatteristiċi speċifiċi fit-Tabelli 2 sa 9

Parti 2.1 Funzjonijiet tal-kard (Tabella 2)

1. Jekk "kard b'funzjoni tal-hłas (ħlief għal kards b'funzjoni ta' flus elettroniċi biss)" toffri diversi funzjonijiet, din tingħadd f'kull subkategorija applikabbli. Għalhekk, in-numru totali ta' kards bil-funzjoni tal-hłas jista' jkun iżgħar mis-somma tas-subkategoriji. Biex jiġi evitat l-għadd doppju, is-subkategoriji ma għandhomx jingħaddu flimkien.
2. F'kull funzjoni tal-hłas (jiġifieri debitu, debitu ttardjat u kreditu), l-istrumenti ta' hłas permezz ta' kard jinqasmu skont l-iskema tal-kard tal-hłas (PCS) li jinħarġu taħtha. L-istrumenti ta' hłas permezz ta' kard co-badged jingħaddu f'kull waħda mill-iskemi applikabbli. Għalhekk, in-numru totali tal-istrumenti ta' hłas permezz ta' kard skont il-funzjoni tal-hłas jista' jkun iżgħar mis-somma ta' daww il-kards skont il-PCS. Biex jiġi evitat l-għadd doppju, il-kards skont il-PCS ma għandhomx jiġu kkombinati.
3. "Kard ta' debitu ttardjat" hija rrapportata bħala "kard tal-kreditu" jekk il-funzjoni speċifika ta' "debitu ttardjat" ma tkunx tista' tiġi identifikata. L-istess loġika tapplika għar-rapportar ta' tranżazzjonijiet b'kard ta' debitu ttardjat.
4. "Kard b'funzjoni ta' flus elettroniċi" tista' tkun jew "kard li fuqha l-flus elettroniċi jistgħu jinħażnu direttament" jew "kard li tagħti aċċess għal flus elettroniċi maħżuna f'kontijiet tal-flus elettroniċi". Għalhekk, in-numru totali tal-kards b'funzjoni ta' flus elettroniċi huwa s-somma taż-żewġ subkategoriji.
5. In-numru totali tal-kards maħruġa mill-PSPs residenti huwa ddikjarat separatament fin-"numru totali tal-kards (irrispettivament min-numru tal-funzjonijiet fuq il-kard)". Dan l-indikatur jista' ma jkunx neċessarjament is-somma tal-"kards b'funzjoni ta' flus kontanti", "kards b'funzjoni ta' hłas" u "kards b'funzjoni ta' flus elettroniċi", billi dawn il-kategoriji jistgħu ma jkunux jeskludu lil xulxin.

6. L-indikatur “kard b’funzjoni kkombinata ta’ debitu, ta’ flus kontanti u ta’ flus elettroniċi” jirreferi għal kard maħruġa minn PSP, li għandha funzjonijiet ikkombinati ta’ flus kontanti, ta’ debitu u ta’ flus elettroniċi. Barra minn hekk, f’kull subkategorija jiġu rrapportati:
 - (a) “kard ta’ debitu”;
 - (b) “kards b’funzjoni ta’ flus kontanti”;
 - (c) “kards b’funzjoni ta’ flus elettroniċi”.
7. Kard b’funzjonijiet ikkombinati tiġi rrapportata f’kull subkategorija rilevanti.
8. Il-kards jingħaddu fuq in-naħa li toħroġ il-kard irrispettivament mir-residenza tad-detentur tal-kard jew il-post tal-kont li huwa marbut mal-kard.
9. Kull pajjiż jirrapporta n-numru ta’ kards maħruġa mill-PSPs residenti fil-pajjiż.
10. Kards li jinsabu fiċ-ċirkolazzjoni huma inklużi irrispettivament minn meta nħarġu jew jekk intużawx.
11. Kards maħruġa minn skemi tal-kards, jiġifieri skemi bejn tliet partijiet jew erba’ partijiet, huma inklużi.
12. Kards skaduti jew irtirati mhumiex inklużi.
13. Kards maħruġa minn negozjanti, jiġifieri kards tal-konsumaturi, mhumiex inklużi, sakemm ma jkunux inħarġu f’kooperazzjoni ma’ PSP, jiġifieri huma ko-immarkati.

Parti 2.2 Apparati li jaċċetta kards (Tabella 3)

1. It-terminals fiżiċi kollha li fihom jiġu akkwistati t-tranżazzjonijiet minn PSPs residenti huma rrapportati, inklużi t-terminals kollha li jinsabu fil-pajjiż li jirrapporta u t-terminals li jinsabu barra mill-pajjiż li jirrapporta.
2. It-terminals li fihom jiġu akkwistati t-tranżazzjonijiet minn ferġat u/jew sussidjarji tal-PSP li jinsabu barra mill-pajjiż mhumiex irrapporati mill-PSP omm, iżda mill-ferġat u/jew mis-sussidjarji nfushom.
3. Kull terminal huwa magħdud b’mod individwali anke jekk jeżistu bosta terminals tal-istess tip fl-istess post tan-negozju.
4. Jekk ATM toffri aktar minn funzjoni waħda, hija tingħadd f’kull subkategorija applikabbli. Għalhekk, in-numru totali tal-ATMs jista’ jkun iżgħar mis-somma tas-subkategoriji. Biex jiġi evitat l-għadd doppju, is-subkategoriji ma għandhomx jingħaddu flimkien.
5. It-terminals POS huma maqsuma f’“Terminals EFTPOS” u fi ħdan dan it-tqassim skont dawk li “jaċċettaw tranżazzjonijiet mingħajr kuntatt” u dawk li “jaċċettaw tranżazzjonijiet tal-kards tal-flus elettroniċi”. Dawn is-subkategoriji ma għandhomx jingħaddu, peress li ma jeskludux lil xulxin.
6. Jekk terminal ta’ kards tal-flus elettroniċi joffri aktar minn funzjoni waħda, jingħadd f’kull subkategorija applikabbli. Għalhekk, in-numru totali tat-terminals tal-kards tal-flus elettroniċi jista’ jkun iżgħar mis-somma tas-subkategoriji. Biex jiġi evitat l-għadd doppju, is-subkategoriji ma għandhomx jingħaddu flimkien.

Parti 2.3 Tranżazzjonijiet ta' ħlas li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex MFIs (Tabelli 4a u 4b)Parti 2.3.1 *Tranżazzjonijiet ta' ħlas li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex MFIs (Tabella 4a)*

1. It-tranżazzjonijiet ta' ħlas huma mibdija minn istituzzjonijiet li mhumiex MFIs lejn kwalunkwe kontroparti jew minn PSPs jekk il-kontroparti hija istituzzjoni li mhijiex MFI. Dawn jinkludu:
 - (a) tranżazzjonijiet ta' ħlas li jseħħu bejn żewġ kontijiet miżmuma f'PSPs differenti u li huma eżegwiti permezz ta' intermedjarju, jiġifieri meta l-ħlasijiet jintbagħtu lil PSP ieħor jew lil sistema ta' ħlas; u
 - (b) tranżazzjonijiet ta' ħlas li jseħħu bejn żewġ kontijiet miżmuma fl-istess PSP, eż. tranżazzjonijiet on-us, bit-tranżazzjoni tiġi saldata jew fuq il-kontijiet tal-PSP innifsu, jew permezz ta' intermedjarju, jiġifieri PSP ieħor jew sistema ta' ħlas.
2. Tranżazzjonijiet ta' ħlas mibdija minn PSP residenti u eżegwiti b'ordni ta' tranżazzjoni speċifika, jiġifieri permezz ta' strument ta' ħlas, huma inklużi bħala "tranżazzjonijiet ta' ħlas li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex MFIs".
3. Trasferiment ta' fondi bejn kontijiet taħt l-istess isem, u wkoll bejn tipi differenti ta' kontijiet huma inklużi skont is-servizz ta' ħlas użat. Trasferimenti bejn tipi differenti ta' kontijiet jinkludu, pereżempju, trasferimenti minn depożitu trasferibbli għal kont li jżomm depożitu mhux trasferibbli.
4. Fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas f'ammonti kbar, tingħadd kull tranżazzjoni ta' ħlas individwali.
5. Tranżazzjonijiet ta' ħlas denominati f'munita barranija huma inklużi. Id-*data* tiġi konvertita f'euro bl-użu tar-rata tal-kambju ta' referenza tal-BĊE jew rati tal-kambju applikati għal dawn it-tranżazzjonijiet.
6. Ir-rapportar separat għat-tranżazzjonijiet mill-bogħod u mhux mill-bogħod huwa indikat fejn meħtieġ.
7. Tranżazzjonijiet ta' ħlas mibdija minn PSP residenti u eżegwiti mingħajr ordni ta' tranżazzjoni speċifika, jiġifieri mingħajr l-użu ta' servizz ta' ħlas elenkat fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2015/2366, permezz ta' entrata sempliċi fil-kotba ta' istituzzjoni li mhijiex MFI, huma inklużi f'"servizzi oħrajn (mhux inklużi fid-Direttiva (UE) 2015/2366) (¹)".
8. Tranżazzjonijiet ta' ħlas huma rrapportati bi tqassim skont is-servizz ta' ħlas użat u l-iskema li tipproċessa t-tranżazzjoni.

Tranżazzjonijiet transkonfinali

9. Għal tranżazzjonijiet mibgħuta, it-tranżazzjonijiet transkonfinali jingħaddu fil-pajjiż fejn toriġina t-tranżazzjoni.
10. Għal tranżazzjonijiet riċevuti, it-tranżazzjonijiet transkonfinali jingħaddu fil-pajjiż fejn tiġi riċevuta t-tranżazzjoni.
11. Għal tranżazzjonijiet ta' ħlas transkonfinali permezz ta' kard, ir-residenza tal-kontroparti u l-post tal-POS jiġu rrapportati flimkien. Għal tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard mibdija mill-bogħod, it-tranżazzjonijiet ta' ħlas mibgħuta jiġu rrapportati biex jiġi identifikat il-pajjiż tal-PSP riċevitur u l-pajjiż fejn ikun jinsab il-punt tal-bejgħ. Għal tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard mibdija mhux mill-bogħod, it-tranżazzjonijiet ta' ħlas mibgħuta jiġu rrapportati biex jiġi identifikat il-pajjiż tal-PSP riċevitur u l-pajjiż fejn ikun jinsab it-terminal fiżiku. Tranżazzjonijiet ta' ħlas riċevuti li jinbdeu mill-bogħod huma rrapportati biex jidentifikaw il-pajjiż tal-PSP mittenti u l-pajjiż fejn ikun jinsab il-punt tal-bejgħ. Tranżazzjonijiet ta' ħlas riċevuti mibdija mhux mill-bogħod huma rrapportati biex jidentifikaw il-pajjiż tal-PSP mittenti fejn ikun jinsab il-punt tal-bejgħ fiżiku.
12. Id-differenza bejn tranżazzjonijiet transkonfinali mibgħuta u tranżazzjonijiet transkonfinali riċevuti turi d-dħul jew il-ħruġ nett ta' tranżazzjonijiet ġewwa jew barra l-pajjiż li jirrapporta.

(¹) Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) 1093/2010, u li tassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

Fluss ta' fondi

13. Id-direzzjoni tal-fluss ta' fondi tiddependi mis-servizz ta' ħlas u mill-kanal tal-bidu użat:
- (a) għal trasferimenti ta' kreditu, rimessi ta' flus, ħlasijiet bi flus elettroniċi u tranżazzjonijiet simili fejn min iħallas jibda t-tranżazzjoni, il-parteċipant li jibgħat huwa wkoll il-mittent tal-fondi u l-parteċipant li jirċievi huwa r-riċevitur tal-fondi;
 - (b) għal debiti diretti, ċekkijiet, ħlasijiet bi flus elettroniċi u tranżazzjonijiet simili fejn min jitħallas jibda t-tranżazzjoni, il-parteċipant li jibgħat huwa r-riċevitur tal-fondi u l-parteċipant li jirċievi l-mittent tal-fondi;
 - (c) għal tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard, għalkemm min jitħallas jibda t-tranżazzjoni, it-ttrattament segwit f'dan ir-Regolament jikkorrispondi għal dak fejn min iħallas jibda t-tranżazzjoni.

Total tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas

14. L-indikatur "total tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas li jinvolvu istituzzjonijiet li mħumiex MFIs (mibgħuta)" huwa s-somma tat-tmien subkategoriji li jeskludu lil xulxin: "trasferimenti ta' kreditu (mibgħuta)", "debiti diretti (mibgħuta)", "tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard bi strumenti ta' ħlas permezz ta' kard maħruġa minn PSPs residenti", "għid ta' flus permezz ta' strumenti ta' ħlas permezz ta' kard", "tranżazzjonijiet ta' ħlas bi flus elettroniċi (mibgħuta)". "ċekkijiet (mibgħuta)", "rimessi ta' flus (mibgħuta)" u "servizzi oħrajn ta' ħlas (mibgħuta)". L-indikatur "total ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas li jinvolvu istituzzjonijiet li mħumiex MFI (riċevuti)", huwa s-somma tas-seba' subkategoriji li jeskludu lil xulxin: "trasferimenti ta' kreditu (riċevuti)", "debiti diretti (riċevuti)", "tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard akkwistati minn PSPs residenti", "tranżazzjonijiet ta' ħlas bi flus elettroniċi (riċevuti)", "ċekkijiet (riċevuti)", "rimessi ta' flus (riċevuti)" u "servizzi ta' ħlas oħrajn (riċevuti)".

Trasferimenti ta' kreditu

15. Kull tranżazzjoni hija allokata lil subkategorija waħda biss, jiġifieri jew "mibdija f'forma bbażata fuq il-karta", "mibdija b'mod elettroniku" jew "oħrajn". Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali tat-trasferimenti ta' kreditu huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għall-valur totali tat-trasferimenti ta' kreditu.
16. Trasferimenti ta' kreditu mibdija minn fornituri ta' servizzi ta' bidu ta' ħlas (PISPs) huma allokati wkoll għas-subkategorija "Mibdija minn PISP". Madankollu, din is-subkategorija ma tikkontribwixxix għan-numru totali, jew għall-valur totali ta' trasferimenti ta' kreditu.
17. It-trasferimenti ta' kreditu rrapportati taħt "mibdija b'mod elettroniku" jinqasmu aktar f'"mibdija f'fajl/lott" u "mibdija fuq bażi ta' ħlas uniku". Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali tat-trasferimenti ta' kreditu mibdija b'mod elettroniku huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għall-valur totali tat-trasferimenti ta' kreditu mibdija b'mod elettroniku.
18. It-trasferimenti ta' kreditu rrapportati taħt "mibdija fuq bażi ta' ħlas uniku" jinqasmu aktar f'"ATM jew terminal PSP ieħor", "soluzzjoni ta' ħlas ċellulari" u "trasferimenti ta' kreditu permezz ta' servizzi bankarji online". "ATM jew terminal PSP ieħor" tinkludi biss trasferimenti ta' kreditu mhux mibdija mill-bogħod filwaqt li "soluzzjoni ta' ħlas ċellulari" u "trasferimenti ta' kreditu permezz ta' servizzi bankarji online" jinkludu biss trasferimenti ta' kreditu mibdija mill-bogħod. Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali ta' trasferimenti ta' kreditu huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għall-valur totali tat-trasferimenti ta' kreditu.
19. Il-"hłasijiet tal-kummerċ elettroniku" hija subkategorija tat-"trasferimenti ta' kreditu permezz ta' servizzi bankarji online".
20. Is-"soluzzjoni ta' ħlas ċellulari P2P" hija subkategorija tas-"soluzzjoni ta' ħlas ċellulari".
21. Tranżazzjonijiet li jinvolvu flus kontanti f'tarf wieħed jew fiż-żewġ trufjiet tat-tranżazzjoni ta' ħlas, u li jinvolvu servizz ta' ħlas ta' trasferiment ta' kreditu, huma wkoll inklużi bħala trasferimenti ta' kreditu.

22. Trasferimenti ta' kreditu użati sabiex jiġu saldati bilanċi pendenti ta' tranżazzjonijiet permezz ta' kards ta' kreditu, ta' debitu jew ta' debitu ttardjat huma inklużi wkoll.
23. It-trasferimenti ta' kreditu jinkludu t-trasferimenti ta' kreditu kollha fiż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA — Single Euro Payments Area) kif ukoll it-tranżazzjonijiet li mhumiex SEPA. Trasferimenti ta' kreditu mibdija b'mod elettroniku huma rrapportati separatament għal kull skema.
24. Trasferimenti ta' kreditu mibdija b'mod elettroniku jinqasmu aktar fi trasferimenti ta' kreditu mibdija mill-bogħod u trasferimenti ta' kreditu mibdija mhux mill-bogħod. F'dan it-tqassim, it-tranżazzjonijiet huma rrapportati skont l-iskema u għal kull skema, jinqasmu aktar skont il-kanal ta' awtentikazzjoni, jiġifieri "awtentikati permezz ta' awtentikazzjoni qawwiya tal-konsumatur (SCA)" jew "awtentikati permezz ta' non-SCA". Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali ta' trasferimenti ta' kreditu skont l-iskema ta' trasferiment ta' kreditu huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għall-valur ta' tranżazzjonijiet.
25. Għal tranżazzjonijiet awtentikati permezz ta' non-SCA, ir-raġunijiet għall-użu ta' non-SCA huma rrapportati (jiġifieri "valur baxx", "valur baxx mingħajr kuntatt", "hłas li persuna tagħmel lilha nfisha", "benefiċjarji fdati", "tranżazzjoni rikorrenti", "terminals li jitħallew waħedhom għat-tariffi ta' trasport jew tal-parkeġġ", "proċessi u protokoll ta' hłasijiet korporattivi sikuri" u "analiżi tar-riskju ta' tranżazzjoni"). Meta tista' tapplika aktar minn eżenzjoni waħda, l-eżenzjoni li tkun għet applikata hija dik li għandha tiġi rrapportata. Is-subkategoriji jeskludu lil xulxin. L-istess prinċipju japplika għall-valur ta' tranżazzjonijiet. Madankollu r-raġunijiet għall-użu ta' non-SCA mhumiex irrapportati bi tqassim skont l-iskema ta' hłas iżda jinqasmu biss skont trasferimenti ta' kreditu mibdija mill-bogħod u mhux mill-bogħod.
26. In-numru ta' tranżazzjonijiet bi tqassim skont l-iskemi ta' trasferiment ta' kreditu huwa ugwali għan-numru totali ta' trasferimenti ta' kreditu mibdija b'mod elettroniku. It-tranżazzjonijiet huma rrapportati separatament għal kull skema, nazzjonali u internazzjonali (eż. skema ta' trasferiment ta' kreditu SEPA jew skema ta' trasferiment ta' kreditu istantanju SEPA). L-istess prinċipju japplika għall-valur ta' trasferimenti ta' kreditu.
27. Is-subkategoriji "mibdija ffajl/lott", "mibdija fuq bażi ta' hłas uniku" u "oħrajn" jinkludu t-tranżazzjonijiet SEPA kollha u dawk li mhumiex SEPA.
28. Tranżazzjonijiet domestiċi mibgħuta, tranżazzjonijiet transkonfinali mibgħuta, tranżazzjonijiet domestiċi riċevuti u tranżazzjonijiet transkonfinali riċevuti jinkludu kemm it-tranżazzjonijiet SEPA kif ukoll dawk li mhumiex SEPA.
29. Il-hłasijiet fi flus kontanti għal ġo kont permezz ta' formola bankarja mhumiex inklużi fit-trasferimenti ta' kreditu.

Debiti diretti

30. Kemm id-debiti ta' darba kif ukoll dawk diretti rikorrenti huma inklużi. Fil-każ ta' debiti diretti rikorrenti, kull hłas individwali jingħadd bħala tranżazzjoni waħda.
31. Id-debiti diretti użati biex jiġu saldati bilanċi pendenti li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet permezz ta' kards ta' kreditu, ta' debitu jew ta' debitu ttardjat huma inklużi, billi dawn huma hłasijiet separati mid-detentur tal-kard għall-emittent tal-kard.
32. Id-debiti diretti jinqasmu aktar f"mibdija ffajl/lott" u "mibdija fuq bażi ta' hłas uniku". Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali ta' debiti diretti huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għal valur totali ta' debiti diretti.
33. Is-subkategoriji "mibdija ffajl/lott" u "mibdija fuq bażi ta' hłas uniku" jinkludu t-tranżazzjonijiet SEPA kollha u dawk li mhumiex SEPA.
34. Tranżazzjonijiet ta' debitu dirett jinqasmu aktar f"kunsens mogħti permezz ta' mandat elettroniku" u "kunsens mogħti f'forom oħrajn". Is-subkategoriji jeskludu lil xulxin. Is-somma tagħhom hija ugwali għan-numru totali ta' debiti diretti. L-istess prinċipju japplika għall-valur ta' debiti diretti.

35. F'kull kanal użat għall-ġhoti ta' kunsens, it-tranżazzjonijiet huma rrapportati separatament għal kull skema, nazzjonali u internazzjonali (eż. skema tas-SEPA ta' debitu dirett core jew skema tas-SEPA ta' debitu dirett minn negozju għal negozju).
36. Il-ħlasijiet fi flus kontanti minn kont permezz ta' formola bankarja mhumiex inklużi fid-debiti diretti.

Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard

37. Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard bi strumenti ta' ħlas permezz ta' kard maħruġa minn PSPs residenti jew akkwistati minn PSPs residenti (ħlief għal kards b'funzjoni ta' flus elettroniċi biss) huma rrapportati, irrispettivament mill-post tal-marka tal-ħlas li taħtha tkun saret it-tranżazzjoni ta' ħlas permezz ta' kard.
38. Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard mibgħuta huma rrapportati mill-PSP emittenti waqt li tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard riċevuti huma rrapportati mill-PSP akkwirenti.
39. "Tranżazzjonijiet ta' ħlas li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex MFIs" jinkludu wkoll *data* dwar it-tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard f'punti tal-bejgħ virtwali, pereżempju permezz tal-internet jew bit-telefown.
40. Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard jinqasmu aktar fi: "mibdija b'mod elettroniku" u "mibdija b'mod mhux elettroniku". Billi l-kanali tal-bidu jeskludu lil xulxin, in-numru totali tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard huwa s-somma tal-kanali tal-bidu. L-istess prinċipju japplika għall-valur totali tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard.
41. "Mibdija b'mod elettroniku" tinqasam aktar f'"soluzzjoni ta' ħlas ċellulari", "mibdija f'EFTPOS fiżiku", "mibdija f'ATM" u "oħrajn". "Mibdija f'EFTPOS fiżiku" u "mibdija f'ATM" jinkludu biss tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard mhux mibdija mill-bogħod filwaqt li "soluzzjoni ta' ħlas ċellulari" tinkludi biss tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard mibdija mill-bogħod. It-tqassim "oħrajn" jista' jinkludi tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard mibdija kemm mill-bogħod kif ukoll mhux mill-bogħod. Is-subkanali jeskludu lil xulxin. L-istess prinċipju japplika għall-valur totali tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard "mibdija b'mod elettroniku".
42. Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard mibdija b'mod mhux elettroniku u daww mibdija b'mod elettroniku jinqasmu aktar bejn kanali ta' bidu mill-bogħod u mhux mill-bogħod u fihom, għal tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard mibdija b'mod elettroniku, in-numru ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard għandu jiġi rrapportat separatament għal kull PCS, nazzjonali u internazzjonali (eż. VISA jew MasterCard). L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.
43. F'kull PCS, it-tranżazzjonijiet jinqasmu skont il-funzjoni tal-kard (jiġifieri debitu, debitu ttardjat u kreditu) u skont jekk ikunux "awtentikati permezz ta' SCA" u "awtentikati permezz ta' non-SCA". In-numru totali ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard "ipproċessati permezz ta' skema ta' ħlas b'kard" huwa s-somma tal-funzjonijiet differenti tal-kard li jeskludu lil xulxin, li huwa ugwali wkoll għas-somma ta' daww it-tranżazzjonijiet awtentikati permezz ta' SCA u permezz ta' non-SCA. L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.
44. In-numru ta' tranżazzjonijiet mibgħuta maqsuma skont il-PCS huwa ugwali għan-numru totali ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard b'kards maħruġa minn PSPs mibdija b'mod elettroniku. L-istess prinċipju japplika għall-valur ta' tranżazzjonijiet u għal tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard akkwistati minn PSPs residenti (riċevuti).
45. Għal tranżazzjonijiet awtentikati permezz ta' non-SCA, ir-raġunijiet għall-użu ta' non-SCA huma rrapportati (jiġifieri "valur baxx", "valur baxx mingħajr kuntatt", "benefiċjarji fdati", "tranżazzjoni rikorrenti", "terminals li jitħallew waħedhom għat-tariffi tat-trasport jew tal-parkeġġ", "proċessi u protokoll ta' ħlasijiet korporattivi sikuri", "analiżi tar-riskju tat-tranżazzjoni" u "tranżazzjonijiet mibdija minn negozjant" u "oħrajn"). F'każijiet fejn aktar minn eżenzjoni waħda tista' tkun applikabbli, l-eżenzjoni li ġiet applikata hija dik li għandha tiġi rrapportata. Ir-raġunijiet għal non-SCA jeskludu lil xulxin. L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet. Madankollu, ir-raġunijiet għall-użu ta' non-SCA mhumiex rrapportati bi tqassim skont il-PCS iżda minflok jinqasmu biss fi ħlasijiet elettroniċi permezz ta' kards mibdija mill-bogħod u mhux mill-bogħod.

46. It-tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard permezz ta' strumenti ta' ħlas permezz ta' kard maħruġa minn PSPs residenti li għandhom biss funzjoni ta' flus elettroniċi mhumiex inklużi.

Ġbid ta' flus kontanti bl-użu ta' strumenti ta' ħlas permezz ta' kard (ħlief għal tranżazzjonijiet bi flus elettroniċi)

47. Il-ġbid ta' flus kontanti bl-użu ta' strumenti ta' ħlas permezz ta' kards maħruġa minn PSPs residenti (ħlief għal tranżazzjonijiet bi flus elettroniċi) u rapportati mill-emittent tal-kard huma inklużi f'din il-kategorija.
48. In-numru ta' ġibdiet ta' flus kontanti għandu jiġi rrapportat separatament għal kull PCS, nazzjonali u internazzjonali (eż. VISA jew MasterCard). Kull PCS jinqasam aktar skont il-funzjoni tal-kard (jiġifieri debitu, debitu ttardjat u kreditu). L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.

Tranżazzjonijiet ta' ħlas bi flus elettroniċi

49. Kull tranżazzjoni hija allokata għal subkategorija waħda biss, jiġifieri "b'kards li fuqhom il-flus elettroniċi jistgħu jinħażnu direttament" jew "b'kontijiet ta' flus elettroniċi". Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas bi flus elettroniċi huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għall-valur totali tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas bi flus elettroniċi.
50. Kull tranżazzjoni allokata għas-subkategorija "b'kontijiet ta' flus elettroniċi" hija allokata addizzjonalment għal waħda biss mis-subkategoriji "aċċessata permezz ta' kard", "soluzzjoni ta' ħlas ċellulari" u "oħrajn". Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas bi flus elettroniċi "b'kontijiet ta' flus elettroniċi" huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għall-valur totali tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas bi flus elettroniċi.
51. Is-"soluzzjoni ta' ħlas ċellulari P2P" hija subkategorija tas-"soluzzjoni ta' ħlas ċellulari".
52. Tranżazzjonijiet ta' ħlas bi flus elettroniċi jinqasmu bejn kanali ta' bidu mill-bogħod u mhux mill-bogħod u fi ħdan kull kategorija bejn "awtentikati permezz ta' SCA" u "awtentikati permezz ta' non-SCA". Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali ta' "tranżazzjonijiet ta' ħlas bi flus elettroniċi" huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.
53. It-tranżazzjonijiet irrapportati taħt "awtentikati permezz ta' non-SCA" jinqasmu aktar fir-raġunijiet għal non-SCA (jiġifieri "valur baxx", "valur baxx mingħajr kuntatt", "benefiċjarji fdati", "tranżazzjoni rikorrenti", "terminals li jitħallew waħedhom għat-tariffi tat-trasport jew tal-parkeġġ", "użu ta' proċessi jew protokollu ta' ħlasijiet korporattivi sikuri", "ħlas li persuna tagħmel lilha nfisha", "analiżi tar-riskju tat-tranżazzjoni", "tranżazzjonijiet mibdija min-negozjant" u "oħrajn"). F'każijiet fejn aktar minn eżenzjoni waħda tista' tkun applikabbli, l-eżenzjoni li ġiet applikata hija dik li għandha tiġi rrapportata. Billi r-raġunijiet għal non-SCA jeskludu lil xulxin, in-numru totali ta' "awtentikati permezz ta' non-SCA" huwa s-somma ta' daww ir-raġunijiet. L-istess japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.

Ċekkijiet

54. Iċ-ċekkijiet mibgħuta u riċevuti jiġu rrapportati. Iċ-ċekkijiet mibgħuta jiġu rrapportati mill-PSP ta' min jitħallas, iċ-ċekkijiet riċevuti jiġu rrapportati mill-PSP ta' min iħallas.
55. Ġbid ta' flus kontanti biċ-ċekkijiet huwa inkluż.
56. Ġbid ta' flus kontanti permezz ta' formoli bankarji mhumiex inkluż.
57. Ċekkijiet maħruġa imma mhux mibgħuta għall-ikklerjar mhumiex inklużi.

Rimessi ta' flus

58. Ir-rimessi ta' flus mibgħuta jiġu rrapportati mill-PSPs ta' min iħallas, ir-rimessi ta' flus riċevuti jiġu rrapportati mill-PSP ta' min jitħallas.

59. It-tranżazzjonijiet li huma marbuta mal-kont tal-ħlas ta' min iħallas jew ta' min jitħallas huma esklużi mir-rimessi ta' flus. Tranżazzjonijiet bħal dawn jiġu rrapportati taħt l-istrument ta' ħlas rispettiv użat.

Servizzi oħrajn ta' ħlas

60. It-tranżazzjonijiet mibgħuta u riċevuti jiġu rrapportati.
61. Jinkludi tranżazzjonijiet bl-użu ta' servizzi ta' ħlas elenkati fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2015/2366 iżda li ma jistgħu jiġu assenjati għal ebda wieħed mis-servizzi ta' ħlas elenkati f'dan ir-Regolament. Għalhekk, dan ir-tqassim jinkludi "Ġibdiet ta' flus kontanti OTC" u "depożiti ta' flus kontanti OTC". "Ġibdiet ta' flus kontanti OTC" huma inklużi bħala servizzi ta' ħlas oħrajn mibgħuta, filwa qt li "depożiti ta' flus kontanti OTC" huma inklużi bħala servizzi ta' ħlas oħrajn riċevuti.

Servizzi ta' bidu ta' ħlas

62. It-tranżazzjonijiet mibdija permezz ta' servizzi ta' bidu ta' ħlas huma mibdija minn PISPs u huma maqsuma bejn kanal ta' bidu mill-bogħod u mhux mill-bogħod u fi ħdan kull kategorija bejn "awtentikati permezz ta' SCA" u "awtentikati permezz ta' non-SCA". Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali ta' "servizzi ta' bidu ta' ħlas" huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.
63. Kull tranżazzjoni hija allokata fsubkategorija waħda biss, jiġifieri "trasferimenti ta' kreditu" u "oħrajn". Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali ta' "servizzi ta' bidu ta' ħlas" huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għall-valur totali tat-tranżazzjonijiet.
64. Dawk it-tranżazzjonijiet mhumiex inklużi fit-"Tranżazzjonijiet ta' ħlas totali li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex MFIs" peress li huma inklużi wkoll fl-istrument ta' ħlas rispettiv użat għat-tranżazzjoni.

Servizzi oħrajn (mhux inklużi fid-Direttiva (UE) 2015/2366)

65. Tinkludi s-subkategoriji "Krediti fil-kontijiet b'entrata sempliċi fil-kotba" u "debiti mill-kontijiet b'entrata sempliċi fil-kotba" u "Oħrajn". Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali ta' "Servizzi oħrajn (mhux inklużi fid-Direttiva (UE) 2015/2366)" huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.
66. Tranżazzjonijiet biss mingħajr ordni ta' tranżazzjoni speċifika u eżegwiti b'entrata sempliċi fil-kotba għal/mill-kont ta' klijent, jiġifieri mingħajr l-użu ta' servizz ta' ħlas tradizzjonali huma inklużi fis-subkategoriji "krediti fil-kontijiet b'entrata sempliċi fil-kotba" u "debiti mill-kontijiet b'entrata sempliċi fil-kotba".

Parti 2.3.2 *Tranżazzjonijiet ta' ħlas li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex MFIs rrapportati minn dawk l-aġenti tar-rapportar mogħtija deroga skont l-Artikolu 4(2) u (3) (Tabella 4b)*

1. It-tranżazzjonijiet ta' ħlas huma mibdija minn istituzzjonijiet li mhumiex MFIs lejn kwalunkwe kontroparti jew minn PSPs jekk il-kontroparti hija istituzzjoni li mhijiex MFI. Dan jinkludi:
- (a) tranżazzjonijiet ta' ħlas li jseħħu bejn żewġ kontijiet miżmuma fPSPs differenti u li huma eżegwiti permezz ta' intermedjarju, jiġifieri meta l-ħlasijiet jintbagħtu lil PSP ieħor jew lil sistema ta' ħlas; u
 - (b) tranżazzjonijiet ta' ħlas li jseħħu bejn żewġ kontijiet miżmuma fl-istess PSP, eż. tranżazzjonijiet on-us, bit-tranżazzjoni tiġi saldata jew fuq il-kontijiet tal-PSP innifsu, jew permezz ta' intermedjarju, jiġifieri PSP ieħor jew sistema ta' ħlas.
2. Tranżazzjonijiet ta' ħlas mibdija minn PSP residenti u eżegwiti b'ordni ta' tranżazzjoni speċifika, jiġifieri permezz ta' strument ta' ħlas, huma inklużi bħala "tranżazzjonijiet ta' ħlas li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex MFIs".

3. Trasferiment ta' fondi bejn kontijiet taħt l-istess isem, kif wkoll bejn tipi differenti ta' kontijiet huma inklużi skont is-servizz ta' ħlas użat. Trasferimenti bejn tipi differenti ta' kontijiet jinkludu, pereżempju, trasferimenti minn depożitu trasferibbli għal kont li jżomm depożitu mhux trasferibbli.
4. Fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas f'ammonti kbar, tingħadd kull tranżazzjoni ta' ħlas individwali.
5. Tranżazzjonijiet ta' ħlas denominati f'munita barranija huma inklużi. Id-*data* tiġi kkonvertita f'euro bl-użu tar-rata tal-kambju ta' referenza tal-BĊE jew rati tal-kambju applikati għal dawn it-tranżazzjonijiet.
6. Ir-rapportar separat għat-tranżazzjonijiet mill-bogħod u mhux mill-bogħod huwa indikat fejn meħtieġ.
7. It-tranżazzjonijiet ta' ħlas huma rrapportati skont is-servizz ta' ħlas użat.

Tranżazzjonijiet transkonfinali

8. Fil-każ ta' tranżazzjonijiet mibgħuta, it-tranżazzjonijiet transkonfinali jingħaddu fil-pajjiż fejn toriġina t-tranżazzjoni.
9. Fil-każ ta' tranżazzjonijiet riċevuti, it-tranżazzjonijiet transkonfinali jingħaddu fil-pajjiż fejn tiġi riċevuta t-tranżazzjoni.
10. Għal tranżazzjonijiet ta' ħlas transkonfinali permezz ta' kard, ir-residenza tal-kontroparti u l-post fejn jinsab il-POS jiġu rrapportati flimkien. Għal tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard mibdija mill-bogħod, it-tranżazzjonijiet ta' ħlas mibgħuta jiġu rrapportati biex jiġi identifikat il-pajjiż tal-PSP riċevitur u l-pajjiż li fih jinsab il-punt tal-bejgħ. Għal tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard mibdija mhux mill-bogħod, it-tranżazzjonijiet ta' ħlas mibgħuta jiġu rrapportati biex jiġi identifikat il-pajjiż tal-PSP riċevitur u l-pajjiż li fih jinsab it-terminal fiżiku. It-tranżazzjonijiet ta' ħlas riċevuti mibdija mill-bogħod jiġu rrapportati biex jiġi identifikat il-pajjiż tal-PSP mittenti u l-pajjiż li fih jinsab il-punt tal-bejgħ. It-tranżazzjonijiet ta' ħlas riċevuti mibdija mhux mill-bogħod jiġu rrapportati biex jiġi identifikat il-pajjiż tal-PSP mittenti u l-pajjiż li fih jinsab il-punt tal-bejgħ fiżiku.
11. Id-differenza bejn tranżazzjonijiet transkonfinali mibgħuta u tranżazzjonijiet transkonfinali riċevuti turi d-dħul jew il-ħruġ nett tat-tranżazzjonijiet ġewwa jew barra l-pajjiż li jirrapporta.

Fluss tal-fondi

12. Id-direzzjoni tal-fluss tal-fondi tiddependi mis-servizz ta' ħlas u l-kanal tal-bidu użat:
 - (a) fil-każ ta' trasferimenti ta' kreditu, rimessi ta' flus, ħlasijiet bi flus elettroniċi u tranżazzjonijiet simili meta min iħallas jibda t-tranżazzjoni, il-parteċipant li jibgħat huwa wkoll il-mittent tal-fondi, u l-parteċipant li jirċievi huwa r-riċevitur tal-fondi;
 - (b) fil-każ tad-debiti diretti, ħlasijiet bi flus elettroniċi u tranżazzjonijiet simili meta min jitħallas jibda t-tranżazzjoni, il-parteċipant li jibgħat huwa r-riċevitur tal-fondi u l-parteċipant li jirċievi huwa l-mittent tal-fondi;
 - (c) fil-każ ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard, għalkemm min jitħallas jibda t-tranżazzjoni, it-trattament segwit minn dan ir-Regolament jikkorrispondi għal dak fejn min iħallas jibda t-tranżazzjoni.

Trasferimenti ta' kreditu

13. Kull tranżazzjoni hija alllokata lil subkategorija waħda biss, jiġifieri jew "mibdija f'forma bbażata fuq il-karta" jew "mibdija b'mod elettroniku". Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali tat-trasferimenti ta' kreditu huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għall-valur totali tat-trasferimenti ta' kreditu.

14. Trasferimenti ta' kreditu mibdija minn fornituri ta' servizzi ta' bidu ta' ħlas (PISPs) huma allokati wkoll għas-subkategorija "Mibdija minn PISP". Madankollu, din is-subkategorija ma tikkontribwixxix għan-numru totali, jew għall-valur totali ta' trasferimenti ta' kreditu.
15. Tranżazzjonijiet li jinvolvu flus kontanti f'tarf wieħed jew fiż-żewġ trufijiet tat-tranżazzjoni ta' ħlas, u li jużaw servizz ta' ħlas ta' trasferiment ta' kreditu, huma wkoll inklużi bħala trasferimenti ta' kreditu.
16. Trasferimenti ta' kreditu użati sabiex jiġu saldati bilanċi pendenti ta' tranżazzjonijiet permezz ta' kards b'funzjoni ta' kreditu jew debitu ttardjat huma inklużi wkoll.
17. Trasferimenti ta' kreditu jinkludu t-trasferimenti ta' kreditu kollha fiż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA) kif ukoll it-tranżazzjonijiet li mhumiex SEPA.
18. It-trasferimenti ta' kreditu mibdija b'mod elettroniku jinqasmu aktar skont il-kanal ta' bidu mill-bogħod u mhux mill-bogħod u f'kull kategorija bejn "awtentikati permezz ta' awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur (SCA)" jew "awtentikati permezz ta' non-SCA". Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali tat-trasferimenti ta' kreditu huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.
19. Trasferimenti ta' kreditu rrapportati taħt "awtentikati permezz ta' non-SCA" jinqasmu aktar skont ir-raġunijiet għall-użu ta' non-SCA (jiġifieri "valur baxx", "valur baxx mingħajr kuntatt", "ħlas li persuna tagħmel lilha nfisha", "benefiċjarji fdati", "tranżazzjoni rikorrenti", "terminals li jitħallew waħedhom għat-tariffi tat-trasport jew tal-parkeġġ", "proċessi u protokoll ta' ħlasijiet korporattivi sikuri" u "analiżi tar-riskju tat-tranżazzjoni"). F'każijiet meta tista' tapplika aktar minn eżenzjoni waħda, l-eżenzjoni li ġiet applikata hija dik li għandha tiġi rrapportata. Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali ta' "awtentikati permezz ta' non-SCA" huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.
20. Tranżazzjonijiet domestiċi mibgħuta, tranżazzjonijiet transkonfinali mibgħuta u tranżazzjonijiet transkonfinali riċevuti jinkludu kemm it-tranżazzjonijiet SEPA kif ukoll dawk li mhumiex SEPA.
21. Il-ħlasijiet fi flus kontanti għal ġo kont permezz ta' formola bankarja mhumiex inklużi fit-trasferimenti ta' kreditu.

Debiti diretti

22. Huma inklużi kemm debiti ta' darba kif ukoll dawk rikorrenti. Fil-każ ta' debiti diretti rikorrenti, kull ħlas individwali jingħadd bħala tranżazzjoni waħda.
23. Id-debiti diretti użati biex jiġu saldati bilanċi pendenti li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet permezz ta' kards ta' kreditu, debitu jew debitu ttardjat huma inklużi, billi dawn huma ħlasijiet separati mid-detentur tal-kard lill-emittent tal-kard.
24. Id-debiti diretti jinkludu d-debiti diretti SEPA kif ukoll id-debiti diretti non-SEPA kollha.
25. Tranżazzjonijiet ta' debiti diretti jinqasmu f'"kunsens mogħti permezz ta' mandat elettroniku" u "kunsens mogħti f'forom oħrajn". Is-subkategoriji jeskludu lil xulxin. Is-somma tagħhom hija ugwali għan-numru totali ta' debiti diretti. L-istess prinċipju japplika għall-valur tad-debiti diretti.
26. Il-ħlasijiet fi flus kontanti minn kont permezz ta' formola bankarja mhumiex inklużi fid-debiti diretti.

Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard

27. Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard bi strumenti ta' ħlas permezz ta' kard maħruġa minn PSPs residenti jew akkwistati minn PSPs (ħlief għal kards b'funzjoni ta' flus elettroniċi biss) huma rrapportati, irrispettivament mill-post tal-marka tal-ħlas li taħtha tkun saret it-tranżazzjoni ta' ħlas.
28. Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard mibgħuta huma rrapportati mill-PSP emittenti waqt li t-tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard riċevuti huma rrapportati mill-PSP akkwirenti.

29. “Tranżazzjonijiet ta’ ħlas lil jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex MFIs” jinkludu d-data dwar it-tranżazzjonijiet ta’ ħlas permezz ta’ kard f’punti tal-bejgħ virtwali, pereżempju permezz tal-internet jew bit-telefown.
30. Tranżazzjonijiet ta’ ħlas permezz ta’ kard bi strumenti ta’ ħlas permezz ta’ kard jinqasmu aktar f’“mibdija b’mod elettroniku” u “mibdija b’mod mhux elettroniku”. Billi l-kanali tal-bidu jeskludu lil xulxin, in-numru totali tat-tranżazzjonijiet ta’ ħlas permezz ta’ kard huwa s-somma tal-kanali tal-bidu. L-istess prinċipju japplika għall-valur totali tat-tranżazzjonijiet.
31. It-tranżazzjonijiet ta’ ħlas permezz ta’ kard mibdija b’mod elettroniku jinqasmu aktar f’kanali ta’ bidu mill-bogħod u mhux mill-bogħod, u fi ħdan kull wieħed minnhom in-numru ta’ tranżazzjonijiet ta’ ħlas permezz ta’ kard għandu jiġi rrapportat skont il-funzjoni tal-kard (jiġifieri debitu, debitu ttardjat u kreditu) u skont jekk “awtentikati permezz ta’ SCA” u “awtentikati permezz ta’ non-SCA”. In-numru totali ta’ tranżazzjonijiet ta’ ħlas permezz ta’ kard “mibdija b’mod elettroniku” huwa s-somma tad-diversi funzjonijiet tal-kard li jeskludu lil xulxin, li huwa ugwali wkoll għas-somma ta’ dawk it-tranżazzjonijiet awtentikati permezz ta’ SCA u permezz ta’ non-SCA. L-istess prinċipju japplika għall-valur ta’ tranżazzjonijiet.
32. Għal tranżazzjonijiet “awtentikati permezz ta’ non-SCA”, ir-raġunijiet għall-użu ta’ non-SCA huma rrapportati (jiġifieri “valur baxx”, “valur baxx mingħajr kuntatt”, “benefiċjarji fdati”, “tranżazzjoni rikorrenti”, “terminals li jitħallew waħedhom għat-tariffi tat-trasport jew tal-parkeġġ”, “proċessi u protokoll ta’ ħlasijiet korporattivi sikuri”, “analiżi tar-riskju tat-tranżazzjoni”, “tranżazzjonijiet mibdija minn negozjant” u “oħrajn”). F’każijiet fejn aktar minn eżenzjoni waħda tista’ tkun applikabbli, l-eżenzjoni li ġiet applikata hija dik li għandha tiġi rrapportata. Billi r-raġunijiet għal non-SCA jeskludu lil xulxin, in-numru totali ta’ “awtentikati permezz ta’ non-SCA” huwa s-somma ta’ dawk ir-raġunijiet. L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.
33. Tranżazzjonijiet ta’ ħlas permezz ta’ kard permezz ta’ strumenti ta’ ħlas permezz ta’ kard ma’hruġa minn PSPs residenti li għandhom biss funzjoni ta’ flus elettroniċi mhumiex inklużi.

Ġibdiet ta’ flus kontanti bl-użu ta’ strumenti ta’ ħlas permezz ta’ kard (ħliet għal tranżazzjonijiet bi flus elettroniċi)

34. Il-ġibdiet ta’ flus bl-użu ta’ strumenti ta’ ħlas permezz ta’ kard ma’hruġa minn PSPs residenti (ħliet għal tranżazzjonijiet bi flus elettroniċi) u rrapportati mill-mittent tal-kard huma inklużi f’din il-kategorija.
35. In-numru ta’ ġibdiet ta’ flus kontanti għandu jiġi rrapportat għal kull funzjoni tal-kard (jiġifieri debitu, debitu ttardjat u kreditu). L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.

Tranżazzjonijiet ta’ ħlas bi flus elettroniċi

36. Tranżazzjonijiet ta’ ħlas bi flus elettroniċi jinqasmu bejn kanal ta’ bidu mill-bogħod u mhux mill-bogħod u fi ħdan kull wieħed bejn “awtentikati permezz ta’ SCA” u “awtentikati permezz ta’ non-SCA”. Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali ta’ “tranżazzjonijiet ta’ ħlas bi flus elettroniċi” huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.
37. It-tranżazzjonijiet irrapportati taħt “awtentikati permezz ta’ non-SCA” jinqasmu aktar skont ir-raġunijiet għall-użu ta’ non-SCA (jiġifieri “valur baxx”, “valur baxx mingħajr kuntatt”, “benefiċjarji fdati”, “tranżazzjoni rikorrenti”, “terminals li jitħallew waħedhom għat-tariffi tat-trasport jew tal-parkeġġ”, “użu ta’ proċessi jew protokoll ta’ ħlasijiet korporattivi sikuri”, “ħlas li persuna tagħmel lilha nfisha”, “analiżi tar-riskju tat-tranżazzjoni”, “tranżazzjonijiet mibdija minn negozjant” u “oħrajn”). F’każijiet meta aktar minn eżenzjoni waħda tista’ tkun applikabbli, l-eżenzjoni li ġiet applikata hija dik li għandha tiġi rrapportata. Billi r-raġunijiet għal non-SCA jeskludu lil xulxin, in-numru totali ta’ “awtentikati permezz ta’ non-SCA” huwa s-somma ta’ dawk ir-raġunijiet. L-istess japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.

Rimessi ta’ flus

38. Ir-rimessi ta’ flus mibgħuta jiġu rrapportati mill-PSPs ta’ min iħallas.

39. It-tranżazzjonijiet li huma marbuta mal-kont tal-ħlas ta' min iħallas jew ta' min jitħallas huma esklużi mir-rimessi ta' flus. Tranżazzjonijiet bħal dawn jiġu rrapportati taħt l-istrument ta' ħlas rispettiv użat.

Servizzi ta' bidu ta' ħlas

40. It-tranżazzjonijiet mibdija permezz ta' servizzi ta' bidu ta' ħlas jinqasmu bejn kanal ta' bidu mill-bogħod u mhux mill-bogħod u fi ħdan kull kategorija b'“awtentikati permezz ta' SCA” u “awtentikati permezz ta' non-SCA”. Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali ta' “servizzi ta' bidu ta' ħlas” huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.
41. Kull tranżazzjoni hija allokata fsubkategorija waħda biss, jiġifieri “trasferimenti ta' kreditu” u “oħrajn”. Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, in-numru totali ta' “servizzi ta' bidu ta' ħlas” huwa s-somma tas-subkategoriji. L-istess prinċipju japplika għall-valur totali tat-tranżazzjonijiet.
42. Dawk it-tranżazzjonijiet mhumiex inklużi fit-“Tranżazzjonijiet ta' ħlas totali li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex MFIs” peress li huma inklużi wkoll fl-istrument ta' ħlas rispettiv użat għat-tranżazzjoni.

Parti 2.4 Tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulenti li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex MFIs (Tabelli 5a u 5b)

Parti 2.4.1 Tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulenti li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex MFIs (Tabella 5a)

1. Il-punti 1 sa 66 tal-Parti 2.3.1 japplikaw għat-tranżazzjonijiet frodulenti rrapportati fit-Tabella 5a. Madankollu, tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulenti riċevuti, ħlief għal tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard akkwistati, mhumiex inklużi.
2. Il-fornitur ta' servizz ta' ħlas għandu jirrapporta t-tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulenti kollha mill-ħin meta jkun ġie skopert il-frodi, permezz ta' lment tal-konsumatur jew b'mezz ieħor, irrispettivament minn jekk il-każ relatat mat-tranżazzjoni ta' ħlas frodulenti jkunx ġie riżolt sal-ħin meta d-*data* tiġi irrapportata.
3. Apparti t-tqassim spjegat fil-Parti 2.3.1, it-“telf minħabba frodi skont min iġarrab l-obbligazzjoni” għandu jiġi rrapportat għal trasferimenti ta' kreditu frodulenti, debiti diretti frodulenti, tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulenti permezz ta' kard bi strumenti ta' ħlas permezz ta' kard maħruġa minn PSP residenti (ħlief kards b'funzjoni ta' flus elettroniċi biss), għid frodulenti ta' flus kontanti bl-użu ta' strumenti ta' ħlas permezz ta' kard (ħlief għal tranżazzjonijiet bi flus elettroniċi) u għal tranżazzjonijiet frodulenti bi flus elettroniċi bi flus elettroniċi maħruġa minn PSPs residenti.
4. It-“telf minħabba frodi skont min iġarrab l-obbligazzjoni” jinqasam aktar fil-“PSP li jirrapporta”, “il-PSU tal-PSP li jirrapporta” u “oħrajn”. Billi s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, il-valur totali tat-“telf minħabba frodi skont min iġarrab l-obbligazzjoni” huwa s-somma ta' dawk is-subkategoriji.
5. It-“telf minħabba frodi skont min iġarrab l-obbligazzjoni” huwa rrapportat mill-PSP li jirrapporta t-tranżazzjoni ta' ħlas frodulenti u jiġi rrapportat biss għall-valur tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulenti. Barra minn hekk, il-partita tiġi rrapportata biss għat-tranżazzjonijiet mibgħuta.
6. Is-somma ta' “telf minħabba frodi skont min iġarrab l-obbligazzjoni” mhijiex ugwali għall-valur totali ta' tranżazzjonijiet frodulenti.

Trasferimenti ta' kreditu frodulenti

7. Trasferimenti ta' kreditu frodulenti mibdija b'mod elettroniku jinqasmu aktar skont l-oriġnijiet tal-frodi (jiġifieri l-“ħruġ ta' ordni ta' ħlas mill-frodista/a”, “modifika ta' ordni ta' ħlas mill-frodista/a”, u “manipulazzjoni ta' min iħallas mill-frodista/a biex tinħareġ ordni ta' ħlas”).
8. L-oriġini tal-frodi hija rrapportata għal kull skema ta' trasferiment ta' kreditu u tinqasam aktar f'“awtentikati permezz ta' SCA” u dawk “awtentikati permezz ta' non-SCA” f'dik il-kategorija.

9. Għal kull taqsima, l-oriġnijiet tal-frodi jeskludu lil xulxin. Għalhekk, in-numru totali ta' trasferimenti ta' kreditu frodulent maqsuma skont l-iskemi tat-trasferiment ta' kreditu huwa ugwali għas-somma tal-oriġnijiet differenti tal-frodi. L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.

Debiti diretti frodulent

10. Id-debiti diretti frodulent jinqasmu aktar skont l-oriġnijiet tal-frodi (jiġifieri "tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata" u "manipulazzjoni ta' min iħallas").
11. L-oriġini tal-frodi hija rrapportata għal kull skema ta' debitu dirett u fi ħdan l-iskema tinqasam bejn "kunsens mogħti permezz ta' mandat elettroniku" u "kunsens mogħti f'forom oħrajn".
12. Għal kull taqsima, l-oriġnijiet tal-frodi jeskludu lil xulxin. Għalhekk, in-numru totali ta' debiti diretti frodulent maqsuma skont l-iskema ta' debitu dirett huwa ugwali għas-somma tal-oriġnijiet differenti tal-frodi. L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.

Tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulent permezz ta' kard

13. It-tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulent permezz ta' kard jinqasmu aktar skont l-oriġnijiet tal-frodi (jiġifieri "modifika ta' ordni ta' ħlas mill-frodista", "manipulazzjoni ta' min iħallas biex isir ħlas bil-kard" u "ħruġ ta' ordni ta' ħlas mill-frodista" li jinqasam aktar f'"kard mitlufa jew misruqa", "kard ma waslitx", "kard iffalsifikata", "serq tad-dettalji tal-kard" u "oħrajn").
14. L-oriġnijiet tal-frodi huma rrapportati għal kull PCS bi tqassim f'"awtentikati permezz ta' SCA" jew "awtentikati permezz ta' non-SCA".
15. Għal kull taqsima, l-oriġnijiet tal-frodi jeskludu lil xulxin. Għalhekk, in-numru totali ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulent permezz ta' kard minn PCS huwa ugwali għas-somma tal-oriġnijiet differenti ta' frodi. L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.

Ġibdiet ta' flus kontanti frodulent bl-użu ta' strumenti ta' ħlas permezz ta' kard (ħlief għal tranżazzjonijiet bi flus elettroniċi)

16. Il-ġibdiet ta' flus kontanti frodulent jinqasmu aktar f'oriġnijiet tal-frodi (jiġifieri "il-manipulazzjoni ta' min iħallas biex jiġbed flus kontanti", u "ħruġ ta' ordni ta' ħlas mill-frodista" li jinqasam aktar f'"kard mitlufa jew misruqa", "kard ma waslitx", "kard iffalsifikata" u "oħrajn"). L-oriġnijiet tal-frodi li huma rrapportati għal kull PCS jeskludu lil xulxin. Għalhekk, in-numru totali ta' ġibdiet ta' flus kontanti frodulent minn PCS huwa ugwali għas-somma tal-oriġnijiet differenti ta' frodi. L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.

Tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulent bi flus elettroniċi

17. Tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulent bi flus elettroniċi jinqasmu aktar f'oriġnijiet tal-frodi (jiġifieri l-"modifika ta' ordni ta' ħlas mill-frodista", "manipulazzjoni ta' min iħallas biex jagħmel ħlas bi flus elettroniċi", u "ħruġ ta' ordni ta' ħlas mill-frodista" li jinqasam aktar f'"kard tal-flus elettroniċi mitlufa jew misruqa", "kard tal-flus elettroniċi ma waslitx", "kard tal-flus elettroniċi ffalsifikata", "serq tad-dettalji tal-kard" u "tranżazzjoni mhux awtorizzata minn kont tal-flus elettroniċi").
18. L-oriġnijiet tal-frodi huma rrapportati għal tranżazzjonijiet ta' ħlas bi flus elettroniċi mibdija mill-bogħod u mhux mill-bogħod u fi ħdan kull kategorija bħala "awtentikati permezz ta' SCA" jew "awtentikati permezz ta' non-SCA".
19. Għal kull taqsima, l-oriġnijiet tal-frodi jeskludu lil xulxin. Għalhekk, in-numru totali ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulent bi flus elettroniċi huwa ugwali għas-somma tal-oriġnijiet differenti ta' frodi. L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.

Parti 2.4.2 *Tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulent li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex MFIs irrapportati minn dawk l-aġenti li jirrapportaw mogħtija deroga skont l-Artikolu 4(2) u 4(3) (Tabella 5b)*

1. Il-punti 1 sa 42 tal-Parti 2.3.2 japplikaw għat-tranżazzjonijiet frodulent rrapportati fit-Tabella 5b.
2. Il-fornitur ta' servizzi ta' ħlas għandu jirrapporta t-tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulent kollha mill-ħin meta ġie skopert il-frodi, bħal permezz ta' lment ta' klijent jew b'mezzi oħrajn, irrispettivament minn jekk il-każ relatat mat-tranżazzjoni ta' ħlas frodulent jkunx ġie riżolt sal-ħin meta d-data tiġi rrapportata.).
3. Minbarra t-tqassim spjegat fil-Parti 2.3.2, "telf minħabba frodi skont min iġarrab l-obbligazzjoni" għandu jiġi rrapportat għal trasferimenti ta' kreditu frodulent, debiti diretti frodulent, tranżazzjonijiet ta' ħlas frodulent permezz ta' kard bi strumenti ta' ħlas permezz ta' kard maħruġa minn PSP residenti (ħlief għal kards b'funzjoni ta' flus elettroniċi biss), ġibdiet frodulent ta' flus kontanti permezz ta' strumenti ta' ħlas permezz ta' kard (ħlief għal tranżazzjonijiet bi flus elettroniċi) u għal tranżazzjonijiet frodulent bi flus elettroniċi maħruġa minn PSPs residenti.
4. "Telf minħabba frodi skont min iġarrab l-obbligazzjoni" jinqasam aktar f"il-PSP li jirrapporta", "il-PSU tal-PSP li jirrapporta" u "oħrajn". Peress li s-subkategoriji jeskludu lil xulxin, il-valur totali ta' "telf minħabba frodi skont min iġarrab l-obbligazzjoni" huwa s-somma ta' dawk is-subkategoriji.
5. "Telf minħabba frodi skont min iġarrab l-obbligazzjoni" huwa rrapportat mill-PSP li jirrapporta t-tranżazzjoni ta' ħlas frodulent u huwa rrapportat biss għall-valur ta' tranżazzjonijiet frodulent. Barra minn hekk, il-partita hija rrapportata biss għal tranżazzjonijiet mibgħuta.
6. Is-somma ta' "telf minħabba frodi skont min iġarrab l-obbligazzjoni" mhijiex ugwali għall-valur totali ta' tranżazzjonijiet frodulent.

Trasferimenti ta' kreditu frodulent

7. It-trasferimenti ta' kreditu frodulent jinqasmu aktar fl-orijini tal-frodi (jiġifieri "ħruġ ta' ordni ta' ħlas mill-frodist/a", "modifika ta' ordni ta' ħlas mill-frodist/a" u "manipulazzjoni ta' min iħallas mill-frodist/a biex tinħareġ ordni ta' ħlas").
8. L-orijini tal-frodi hija rrapportata bi tqassim f"awtentikati permezz ta' SCA" u "awtentikati permezz ta' non-SCA".
9. Għal kull taqsima, l-orijinijiet tal-frodi jeskludu lil xulxin. Għalhekk, in-numru totali ta' trasferimenti ta' kreditu frodulent huwa ugwali għas-somma tal-orijinijiet differenti ta' frodi. L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.

Debiti diretti frodulent

10. Debiti diretti frodulent jinqasmu aktar fl-orijini tal-frodi (jiġifieri "tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata" u "manipulazzjoni ta' min iħallas").
11. L-orijini tal-frodi hija rrapportata bi tqassim f"kunsens mogħti permezz ta' mandat elettroniku" u "kunsens mogħti f'forom oħrajn".
12. Għal kull taqsima, l-orijinijiet tal-frodi jeskludu lil xulxin. Għalhekk, in-numru totali ta' debiti diretti frodulent huwa ugwali għas-somma tal-orijinijiet differenti ta' frodi. L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.

Tranżazzjonijiet ta' hłas frodulenti permezz ta' kard

13. Tranżazzjonijiet ta' hłas frodulenti permezz ta' kard jinqasmu aktar f'oriġnijiet tal-frodi (jiġifieri "modifika ta' ordni ta' hłas mill-frodista", "manipulazzjoni ta' min iħallas biex jagħmel tranżazzjoni ta' hłas permezz ta' kard", u "ħruġ ta' ordni ta' hłas mill-frodista", li jinqasam aktar f'"kard mitlufa jew misruqa", "kard ma waslitx", "kard iffalsifikata", "serq tad-dettalji ta' kard" u "oħrajn").
14. L-oriġnijiet tal-frodi huma rrapportati bi tqassim f'"awtentikati permezz ta' SCA" jew "awtentikati permezz ta' non-SCA"
15. Għal kull taqsima, l-oriġnijiet tal-frodi jeskludu lil xulxin. Għalhekk in-numru totali ta' tranżazzjonijiet ta' hłas frodulenti permezz ta' kard huwa ugwali għas-somma tal-oriġnijiet differenti ta' frodi. L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.

Ġibdiet frodulenti ta' flus kontanti bl-użu ta' strumenti ta' hłas permezz ta' kard (ħlief għal tranżazzjonijiet bi flus elettroniċi)

16. Il-ġibdiet frodulenti ta' flus kontanti jinqasmu aktar fl-oriġnijiet ta' frodi (jiġifieri "manipulazzjoni ta' min iħallas biex jagħmel ġbid ta' flus") u "ħruġ ta' ordni ta' hłas mill-frodista" li jinqasam aktar f'"kard mitlufa jew misruqa", "kard ma waslitx", "kard iffalsifikata" u "oħrajn").
17. L-oriġnijiet tal-frodi huma rrapportati bi tqassim f'"awtentikati permezz ta' SCA" jew "awtentikati permezz ta' non-SCA".
18. Għal kull taqsima, l-oriġnijiet ta' frodi jeskludu lil xulxin. Għalhekk, in-numru totali ta' ġibdiet ta' flus frodulenti huwa ugwali għas-somma tal-oriġnijiet differenti ta' frodi. L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.

Tranżazzjonijiet ta' hłas frodulenti bi flus elettroniċi

19. Tranżazzjonijiet ta' hłas frodulenti bi flus elettroniċi jinqasmu aktar skont l-oriġnijiet tal-frodi (jiġifieri "modifika ta' ordni ta' hłas mill-frodista", "manipulazzjoni ta' min iħallas biex jagħmel hłas bi flus elettroniċi" u "ħruġ ta' ordni ta' hłas mill-frodista", li jinqasam aktar f'"kard tal-flus elettroniċi mitlufa jew misruqa", "kard tal-flus elettroniċi ma waslitx", "kard tal-flus elettroniċi ffalsifikata", "serq tad-dettalji ta' kard" u "tranżazzjoni mhux awtorizzata minn kont ta' flus elettroniċi").
20. L-oriġnijiet tal-frodi huma rrapportati bi tqassim f'"awtentikati permezz ta' SCA" jew "awtentikati b'non-SCA".
21. Għal kull taqsima, l-oriġnijiet tal-frodi jeskludu lil xulxin. Għalhekk, in-numru totali ta' tranżazzjonijiet ta' hłas frodulenti bi flus elettroniċi huwa ugwali għas-somma tal-oriġnijiet differenti ta' frodi. L-istess prinċipju japplika għall-valur tat-tranżazzjonijiet.

Parti 2.5 Tranżazzjonijiet ta' hłas skont it-tip ta' terminal li jinvolvi istituzzjonijiet li mhumiex MFIs (Tabella 6)

1. L-indikaturi kollha f'din it-tabella jirreferu għal flus kontanti jew tranżazzjonijiet ta' hłas mingħajr flus kontanti li jsiru f'terminal fiżiku (mhux virtwali).
2. Il-PSPs residenti jipprovdu informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet kollha ta' hłas li jakkwistaw fit-terminals.
3. Il-PSPs residenti jipprovdu informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet kollha ta' hłas, bil-kards maħruġa mill-PSPs, f'terminals li fihom isir l-akkwist tat-tranżazzjonijiet mill-PSPs mhux residenti.
4. Tranżazzjonijiet ta' hłas f'terminals li fihom isir l-akkwist tat-tranżazzjonijiet minn ferġat jew sussidjarji tal-PSP barra mill-pajjiż mhumiex irrapportati mill-PSP omm.

5. Tranżazzjonijiet skont it-tip ta' terminal huma maqsuma fi tliet kategoriji differenti bbażati fuq ir-residenza tal-PSP. Il-kategoriji f'punti (a) u (b) hawn taħt jingħaddu fuq in-naħa tal-akkwist u l-kategorija f'punt (c) hawn taħt tingħadd fuq in-naħa tal-ħruġ:
 - (a) tranżazzjonijiet ta' ħlas fit-terminals li fihom jiġu akkwistati t-tranżazzjonijiet mill-PSPs residenti b'kards maħruġa minn PSPs residenti;
 - (b) tranżazzjonijiet ta' ħlas fit-terminals li fihom jiġu akkwistati t-tranżazzjonijiet mill-PSPs residenti b'kards maħruġa minn PSPs mhux residenti;
 - (c) tranżazzjonijiet ta' ħlas fit-terminals li fihom jiġu akkwistati t-tranżazzjonijiet mill-PSPs mhux residenti b'kards maħruġa minn PSPs residenti.
6. Is-subkategoriji f'kull kategorija (a), (b) u (c) imsemmija fil-punt 5 ma għandhomx jingħaddu.
7. F'din it-tabella, it-tqassim ġeografiku huwa bbażat fuq il-post tat-terminal.
8. "Tranżazzjonijiet ta' ħlas bi flus elettroniċi permezz ta' kards b'funzjoni tal-flus elettroniċi" jinkludu kemm tranżazzjonijiet bil-kards li fuqhom il-flus elettroniċi jistgħu jinħażnu direttament kif ukoll bil-kards li jagħtu aċċess għal flus elettroniċi maħżuna f'kontijiet ta' flus elettroniċi.
9. Għal "Antiċipi ta' flus kontanti fit-terminals POS" li għalihom mhuwiex possibbli li tiġi distinta d-*data* fuq antiċipi ta' flus kontanti fit-terminals POS, dawn jiġu rrapportati bħala "tranżazzjonijiet f'POS".
10. "Depożitu ta' flus kontanti over the counter (OTC)" jinkludi flus kontanti depożitati f'kaxxa tad-depożitu ta' matul il-jum jew ta' bil-lejl tal-PSP biex jiġu kkreditati fil-kont mal-PSP. Dawn it-tranżazzjonijiet ma jirrappreżentawx ħlasijiet fis-sens strett, u jinkludu biss tibdil minn flus kontanti għal flus fil-kont.
11. Tranżazzjonijiet ta' "għid ta' flus kontanti OTC" ma jirrappreżentawx ħlasijiet fis-sens strett, u jinkludu biss tibdil minn flus fil-kont għal flus kontanti.

Parti 2.6 Parteċipazzjoni f'sistemi ta' ħlas magħżula (Tabella 7)

1. Din it-tabella tirreferi għan-numru, it-tip u s-settur istituzzjonali tal-parteċipanti f'sistema ta' ħlas (irrispettivament mill-post tagħhom) u tiġi rrapportata mill-operatur tas-sistema tal-ħlas.
2. L-indikatur "numru ta' parteċipanti" huwa s-somma taż-żewġ subkategoriji li jeskludu lil xulxin "parteċipanti diretti" u "parteċipanti indiretti".
3. L-indikatur "parteċipanti diretti" huwa s-somma tat-tliet subkategoriji li jeskludu lil xulxin "istituzzjonijiet ta' kreditu", "bank ċentrali" u "parteċipanti diretti oħrajn".
4. L-indikatur "parteċipanti diretti oħrajn" huwa s-somma tal-erba' subkategoriji li jeskludu lil xulxin "amministrazzjoni pubblika", "organizzazzjonijiet tal-ikklerjar u tas-saldu", "istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn" u "oħrajn".

Parti 2.7 Ħlasijiet ipproċessati minn sistemi ta' ħlas magħżula (Tabella 8)

1. Din it-tabella tirreferi għal tranżazzjonijiet ta' ħlas ipproċessati permezz ta' sistema ta' ħlas bi tqassim bejn sistemi ta' ħlas ta' valur għoli u bl-immnut u tiġi rrapportata mill-operatur tas-sistema ta' ħlas.
2. Tranżazzjonijiet ta' ħlas ta' PSP fil-kont tiegħu stess jiġu rrapportati fl-indikaturi rilevanti f'din it-tabella.
3. F'każ ta' sistema ta' ħlas, li fiha sistema ta' ħlas oħra, pereżempju sistema ta' ħlas anċillari, tissalda l-pożizzjonijiet tagħha, imbagħad japplikaw il-prinċipji li ġejjin:
 - (a) is-sistema ta' saldu tirrapporta n-numru attwali ta' operazzjonijiet ta' saldu u l-ammont attwali rregolat;

- (b) fejn tranżazzjonijiet ta' ħlas jiġu kklerjati barra mis-sistema ta' ħlas u jiġu saldati pożizzjonijiet netti biss permezz tas-sistema ta' ħlas, jingħaddu t-tranżazzjonijiet għas-saldu tal-pożizzjonijiet netti biss, u dawn jiġu allokatu għas-servizz ta' ħlas użat għat-tranżazzjoni ta' saldu.
4. Kull tranżazzjoni ta' ħlas tingħadd darba biss fuq in-naħa tal-parteċipant mittenti, jiġifieri l-iddebitar tal-kont ta' min iħallas u l-ikkreditar tal-kont ta' min jitħallas ma jingħaddux separatament. Irreferi għas-sezzjoni dwar il-fluss tal-fondi f'Parti 2.3 aktar 'il fuq.
 5. Għal trasferimenti ta' kreditu multipli, jiġifieri ħlasijiet f'ammonti kbar, tingħadd kull partita tal-ħlas.
 6. Fil-każ tas-sistemi ta' netting, huwa n-numru gross u l-valur tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas li huwa rrapportat, u mhux ir-riżultat wara n-netting.
 7. Is-sistemi ta' ħlas jiddistingwu u jirrapportaw it-tranżazzjonijiet domestiċi u dawk transkonfinali skont ir-residenza tal-parteċipanti mittenti u riċevituri. Il-klassifikazzjoni "tranżazzjonijiet domestiċi" jew "tranżazzjonijiet transkonfinali" tiffletti l-post fejn jinsabu l-partijiet involuti.
 8. Biex jiġi evitat l-għadd doppju, tranżazzjonijiet transkonfinali jingħaddu fil-pajjiż fejn toriġina t-tranżazzjoni.
 9. Tranżazzjonijiet mibdija f'ATM huma rrapportati fit-tqassim tas-servizz ta' ħlas rispettiv użat.
 10. L-indikatur "strumenti ta' ħlas permezz ta' kard" jinkludi t-tranżazzjonijiet kollha ta' ħlas ipproċessati fis-sistema ta' ħlas, irrispettivament minn fejn iħareġ jew intuża l-istrument ta' ħlas permezz ta' kard.
 11. Tranżazzjonijiet ta' ħlas ikkanċellati huma esklużi. Tranżazzjonijiet li aktar 'il quddiem ikunu suġġetti għal tranżazzjoni ta' każda huma inklużi.

Parti 2.8 Rapportar trimestrali tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex MFIs (Tabella 9)

1. Il-punti 1 sa 66 tal-Parti 2.3.1 japplikaw għat-tranżazzjonijiet irrapportati fit-Tabella 9, bl-eċċezzjoni tal-punt 11. Għat-Tabella 9, tranżazzjonijiet ta' ħlas transkonfinali permezz ta' kard mibdija mill-bogħod jiġu rrapportati biex jiġi identifikat il-pajjiż fejn jinsab il-punt tal-bejgħ, filwaqt li tranżazzjonijiet ta' ħlas transkonfinali permezz ta' kard mibdija mhux mill-bogħod jiġu rrapportati biex jiġi identifikat il-pajjiż fejn jinsab it-terminal fiżiku.

Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard

2. Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard bi strumenti ta' ħlas permezz ta' kard maħruġa minn PSPs residenti (ħlief għal kards b'funzjoni ta' flus elettroniċi biss) huma rrapportati, irrispettivament mill-post tal-marka tal-ħlas li taħtha tkun saret it-tranżazzjoni ta' ħlas.
3. Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard mibgħuta huma rrapportati mill-PSP emittenti.
4. Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard jinkludu wkoll *data* dwar tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard f'punti ta' bejgħ virtwali, eż. permezz tal-internet jew bit-telefown.
5. Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard bi strumenti ta' ħlas permezz ta' kard jinqasmu wkoll f'"mibdija b'mod elettroniku" li tinqasam aktar f'mibdija mill-bogħod u mibdija mhux mill-bogħod. Is-subkanali jeskludu lil xulxin.

6. Għal tranżazzjonijiet “mibdija b’mod elettroniku”, il-kodiċi tal-kategorija tan-negozjant (MCC) huwa rrapportat meta jkun disponibbli għall-aġent li jirrapporta għal tranżazzjonijiet kemm mill-bogħod kif ukoll mhux mill-bogħod.

ANNEX II

DEFINIZZJONIJIET ta' DATA

Terminu	Definizzjoni
Servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet (AIS)	"Servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet" tfisser "servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet" kif iddefinit fl-Artikolu 4(16) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet (AISP)	"Fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet" tfisser "fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni dwar il-kontijiet" kif iddefinit fl-Artikolu 4(19) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Fornitur ta' servizzi ta' ħlas li jiġġestixxi l-kont (ASPSP)	"Fornitur ta' servizzi ta' ħlas li jiġġestixxi l-kont" tfisser "fornitur ta' servizzi ta' ħlas li jiġġestixxi l-kont" kif iddefinit fl-Artikolu 4(17) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Akkwired	"Akkwired" tfisser "akkwired" kif iddefinit fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2015/751 ⁽¹⁾ .
Akkwist ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas	"Akkwist ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas" tfisser "akkwist ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas" kif iddefinit fl-Artikolu 4(44) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Aġent	"Aġent" tfisser "aġent" kif iddefinit fl-Artikolu 4(38) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Magna tal-flus awtomatizzata (ATM)	Strument elettromekkaniku li jippermetti lill-utenti awtorizzati li jużaw strument ta' ħlas permezz ta' kard jew mezz ieħor li jiġbdu flus kontanti mill-kontijiet tagħhom u/jew jaċċessaw servizzi oħrajn, li jippermettulhom, fost l-oħrajn, jitolbu informazzjoni dwar il-bilanċ, jittrasferixxu fondi jew jiddepożitaw flus.
Depożitu ta' flus kontanti mill-ATM (ħlief għal tranżazzjonijiet bi flus elettroniċi)	Depożitu ta' flus kontanti minn ATM bl-użu ta' strument ta' ħlas permezz ta' kard jew mezz oħrajn, inklużi tranżazzjonijiet li permezz tagħhom jiġu ddepożitati flus kontanti f'terminal, mingħajr intervent manwali, u fejn min iħallas jiġi identifikat bi strument ta' ħlas permezz ta' kard jew b'mezz ieħor.
Ġbid ta' flus kontanti minn ATM (ħlief għal tranżazzjonijiet bi flus elettroniċi)	Ġbid ta' flus kontanti minn ATM bl-użu ta' strument ta' ħlas permezz ta' kard jew mezz oħrajn. Antiċipi ta' flus kontanti fit-terminals POS bħala parti minn tranżazzjoni ta' ħlas għax-xiri ta' prodotti jew servizzi (tranżazzjonijiet ta' "flus lura") mhumiex inklużi.
Tranżazzjoni minn ATM (ħlief għal tranżazzjonijiet bi flus elettroniċi)	Tranżazzjoni ta' ħlas ⁽²⁾ magħmula minn ATM bl-użu ta' strument ta' ħlas permezz ta' kard jew mezz oħrajn. Tranżazzjonijiet bi flus elettroniċi mhumiex inklużi.
ATM b'funzjoni ta' ġbid ta' flus kontanti	ATM li tippermetti lill-utenti awtorizzati li jiġbdu l-flus kontanti mill-kontijiet tagħhom billi jużaw strument ta' ħlas permezz ta' kard jew mezz oħrajn.
ATM b'funzjoni ta' trasferiment ta' kreditu	ATM li tippermetti lill-utenti awtorizzati li jagħmlu trasferimenti ta' kreditu permezz ta' strument ta' ħlas permezz ta' kard jew mezz oħrajn.
Awtentikazzjoni	"Awtentikazzjoni" tfisser "awtentikazzjoni" kif iddefinit fl-Artikolu 4(29) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Awtentikati permezz ta' awtentikazzjoni mhux qawwija tal-konsumatur	"Awtentikati permezz ta' awtentikazzjoni mhux qawwija tal-konsumatur" tirreferi għal tranżazzjonijiet li huma eżentati minn awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur skont il-Kapitolu III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/389 ⁽³⁾ kif ukoll għal tranżazzjonijiet li għalihom ma japplikawx id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 97(1) tad-Direttiva (UE) 2015/2366. Tranżazzjonijiet mibdija minn negozjanti kif ukoll tranżazzjonijiet oħrajn li għalihom ma tapplikax l-SCA, huma inklużi.

Terminu	Definizzjoni
Fergħa	<p>Post tan-negozju għajr l-uffiċċju ewlieni li jinsab fil-pajjiż ta' rapportar u stabbilit minn fornitur ta' servizzi ta' hłas (PSP) legalment inkorporat f'pajjiż ieħor. Ma għandhiex personalità ġuridika u twettaq direttament xi wħud mit-tranżazzjonijiet jew it-tranżazzjonijiet kollha inerenti fin-negozju ta' PSP.</p> <p>Il-postijiet kollha tan-negozju stabbiliti fil-pajjiż ta' rapportar mill-istess istituzzjoni legalment inkorporata f'pajjiż ieħor jikkostitwixxu fergħa wħda. Kull wieħed minn dawn il-postijiet ta' negozju jitqies bħala uffiċċju individwali.</p>
Kard	<p>Strument ta' hłas ibbażat fuq numru uniku li jista' jintuża biex jinbeda hłas, jinġibdu flus kontanti jew isir depożitu ta' flus kontanti li jiġi pproċessat bl-użu ta' skema ta' kard jew fi hđan network imħaddem mill-emittent tal-kard. In-numru jista' jinħażen fuq kard fiżika, fuq strument ieħor (inklużi key tag, sticker, smartphone) jew jista' jinżamm virtwalment mingħajr strument fiżiku. Kards joffru lid-detentur tal-kard, skont il-ftehim mal-emittent tal-kard, wħda jew aktar mill-funzjonijiet li ġejjin: flus kontanti, debitu, debitu ttardjat, kreditu u flus elettroniċi.</p>
Strument ta' hłas permezz ta' kard	<p>"Strument ta' hłas permezz ta' kard" tfisser "strument ta' hłas permezz ta' kard" kif iddefinit fl-Artikolu 2(20) tar-Regolament UE 2015/751 inklużi l-kards ta' debitu ttardjat.</p>
Serq tad-dettalji tal-kard	<p>Serq ta' <i>data</i> ta' hłas sensitiva kif iddefinit fl-Artikolu 4(32) tad-Direttiva (UE) 2015/2366. Id-<i>data</i> ta' hłas sensitiva f'dan il-każ tirreferi għal <i>data</i> fuq strument ta' hłas permezz ta' kard.</p>
Emittent tal-kard	<p>"Emittent tal-kard" tfisser "emittent" kif iddefinit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 2015/751 (*).</p>
Kard ma waslitx	<p>Strument ta' hłas permezz ta' kard li min iħallas jgħid li ma rċevix, għalkemm il-PSP ta' min iħallas (l-emittent) jikkonferma li ntbaġħat lil min iħallas (bi kwalunkwe metodu ta' konsenja).</p>
Tranżazzjoni ta' hłas permezz ta' kard mibdija f'EFTPOS fiżiku	<p>Tranżazzjoni ta' hłas permezz ta' kard mibdija b'mod elettroniku f'POS fiżika li tippermetti trasferimenti elettroniċi ta' fondi. Din il-partita tipikament tinkludi tranżazzjonijiet ta' hłas permezz ta' kards permezz ta' trasferiment elettroniku ta' fondi f'terminal fil-punt tal-bejgħ (EFTPOS) f'post tan-negozjant. Ma tinkludix tranżazzjonijiet ta' hłas bi flus elettroniċi.</p>
Tranżazzjonijiet ta' hłas permezz ta' kard permezz ta' strumenti ta' hłas permezz ta' kard maħruġa minn PSPs residenti mibdija b'mod elettroniku	<p>Tranżazzjonijiet ta' hłas permezz ta' kard mibdija f'terminal EFTPOS, ATM jew f'terminal fiżiku ieħor li jippermetti l-bidu ta' hłas elettroniku jew mill-bogħod b'mezzi elettroniċi ta' trażmissjoni ta' informazzjoni. Tranżazzjonijiet ta' hłas permezz ta' kard permezz ta' strumenti ta' hłas permezz ta' kard maħruġa minn PSPs residenti mibdija f'forma bbażata fuq il-karta (eż. permezz ta' markatur ta' strument ta' hłas permezz ta' kard jew meta l-informazzjoni dwar il-hłas tinqabad manwalment fuq kupuni tal-karti) mħumiex inklużi.</p>
Tranżazzjonijiet ta' hłas permezz ta' kard permezz ta' strumenti ta' hłas permezz ta' kard maħruġa minn PSPs residenti (ħlief għal kards b'funzjoni ta' flus elettroniċi biss)	<p>Tranżazzjoni ta' hłas permezz ta' kard maġħmula bl-użu ta' kards ta' debitu, ta' debitu ttardjat jew ta' kreditu f'terminal jew permezz ta' kanali oħra.</p> <p>It-tranżazzjonijiet kollha ta' hłas mibdija bi strument ta' hłas permezz ta' kard huma inklużi, jiġifieri:</p> <p>(a) it-tranżazzjonijiet kollha li fihom l-akkwired u l-emittent tal-istrument/tat-tranżazzjoni ta' hłas permezz ta' kard huma entitajiet differenti; u</p> <p>(b) it-tranżazzjonijiet kollha li fihom l-akkwired u l-emittent tal-istrument/tat-tranżazzjoni ta' hłas permezz ta' kard huma l-istess entità.</p> <p>Tnaqqis mill-kont tal-PSP li jirriżulta minn saldu ta' tranżazzjoni ta' hłas permezz ta' kard li fiha l-akkwired u l-emittent tal-istrument/tat-tranżazzjoni ta' hłas permezz ta' kard huma l-istess entità huwa inkluż.</p> <p>Tranżazzjonijiet ta' hłas permezz ta' kard bit-telefown jew permezz tal-internet bl-użu ta' strument ta' hłas permezz ta' kard huma inklużi.</p> <p>Tranżazzjonijiet bi flus elettroniċi mħumiex inklużi.</p> <p>Ġibdiet ta' flus kontanti u depożiti fl-ATMs mħumiex inklużi. Dawn huma rrapportati bħala "għbid ta' flus kontanti mill-ATM" jew "depożiti ta' flus kontanti mill-ATM".</p> <p>Trasferimenti ta' kreditu f'ATMs mħumiex inklużi. Dawn huma rrapportati bħala "trasferimenti ta' kreditu".</p> <p>Hłas ta' flus kontanti fit-terminals POS mħumiex inklużi.</p>

Terminu	Definizzjoni
Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard permezz ta' strumenti ta' ħlas permezz ta' kard maħruġa minn PSPs residenti mibdija b'mod mhux elettroniku	Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard mibdija f'terminal fiżiku permezz ta' proċedura ta' awtorizzazzjoni manwali (eż. markaturi) (tranżazzjoni b'kard preżenti) jew ħlasijiet mibdija permezz ta' ordni bil-posta jew ordni bit-telefown (MOTO) (tranżazzjonijiet b'kard mhux preżenti).
Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard permezz ta' strumenti ta' ħlas permezz ta' kard maħruġa minn PSPs residenti mibdija b'mod elettroniku permezz ta' kanal ta' ħlas mill-bogħod	Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard mibdija b'mod elettroniku li huma tip ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas mill-bogħod kif iddefinit fl-Artikolu 4(6) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard permezz ta' strumenti ta' ħlas permezz ta' kard maħruġa minn PSPs residenti mibdija b'mod mhux elettroniku permezz ta' kanal ta' ħlas mill-bogħod	Tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard mibdija b'mod mhux elettroniku li huma tip ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas mill-bogħod kif iddefinit fl-Artikolu 4(6) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Kard b'funzjoni ta' flus kontanti	Kard li tippermetti lid-detentur li jġibed il-flus kontanti minn ATM u/jew jiddepożita flus kontanti f'ATM.
Kard b'funzjoni kkombinata ta' debitu, ta' flus kontanti u ta' flus elettroniċi	Kard maħruġa minn PSP, li għandha l-funzjoni kkombinata ta' flus kontanti, ta' debitu u ta' flus elettroniċi.
Kard b'funzjoni ta' ħlas mingħajr kuntatt	Kard li tippermetti li tinbeda tranżazzjoni ta' ħlas permezz ta' kard permezz ta' tip partikolari ta' teknoloġija mingħajr kuntatt u fejn kemm min iħallas kif ukoll min jitħallas fit-tranżazzjoni ta' ħlas (u/jew l-apparat tagħhom) ikunu fl-istess post fiżiku.
Kard b'funzjoni ta' ħlas (ħlief għal kards b'funzjoni ta' flus elettroniċi biss)	Kard li għandha mill-inqas waħda mill-funzjonijiet li ġejjin: funzjoni ta' debitu, funzjoni ta' debitu ttardjat jew funzjoni ta' kreditu. Il-kard jista' jkollha funzjonijiet oħrajn, bħal funzjoni ta' flus elettroniċi, iżda kards b'funzjoni ta' flus elettroniċi biss ma jitqisux f'din il-kategorija. Kards li jkollhom biss funzjoni ta' għid/depożiti ta' flus mhumiex inklużi.
Kard b'funzjoni ta' flus elettroniċi	Kard li fuqha jistgħu jinħażnu direttament flus elettroniċi u/jew li tagħti aċċess għal flus elettroniċi maħżuna f'kontijiet ta' flus elettroniċi, li tippermetti tranżazzjonijiet ta' ħlas bi flus elettroniċi.
Tranżazzjoni ta' ħlas permezz ta' kard	"Tranżazzjoni ta' ħlas permezz ta' kard" tfisser "tranżazzjoni ta' ħlas permezz ta' kard" kif iddefinit fl-Artikolu 2(7) tar-Regolament UE 2015/751 inklużi kards ta' debitu ttardjat.
Kards li fuqhom jistgħu jinħażnu flus elettroniċi b'mod dirett	Flus elettroniċi miżmuma f'kard li tinsab fil-pussess tad-detentur tal-flus elettroniċi. Irreferi wkoll għad-definizzjoni ta' "flus elettroniċi".
Kards li jagħtu aċċess għal flus elettroniċi maħżuna f'kontijiet ta' flus elettroniċi	Irreferi għad-definizzjoni ta' "kontijiet ta' flus elettroniċi".

Terminu	Definizzjoni
Kard b'funzjoni ta' flus elettroniċi li ġiet ikkreditata mill-inqas darba	Kard b'funzjoni ta' flus elettroniċi li ġiet ikkreditata mill-inqas darba u li għalhekk tista' titqies bħala attivata. L-ikkreditar jista' jiġi interpretat bħala indikazzjoni tal-intenzjoni li tintuża l-funzjoni tal-flus elettroniċi.
Flus kontanti	Karti tal-flus u muniti fiċ-ċirkolazzjoni li jinżammu barra s-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (monetary financial institutions – MFIs) jew fil-kmamar ta' sigurtà ta' MFIs.
Antiċipu ta' flus kontanti fit-terminals fil-punt tal-bejgħ (POS)	Tranżazzjonijiet li fihom id-detentur tal-kard li juża kard jew mezzi oħrajn jirċievi flus kontanti f'terminal POS flimkien ma' tranżazzjoni ta' ħlas għal prodotti jew servizzi (spiss imsejħa "flus lura").
Ġbid ta' flus kontanti bl-użu ta' strumenti ta' ħlas permezz ta' kards (ħlief għal tranżazzjonijiet bi flus elettroniċi)	Ġbid ta' flus minn ATM jew mal-counter ta' PSP bl-użu ta' kard b'funzjoni ta' flus kontanti. Tranżazzjonijiet ta' ħlas bi flus elettroniċi mhumiex inklużi filwaqt li l-antiċipi ta' flus kontanti f'POS huma inklużi.
Bank ċentrali	Bank ċentrali tfisser "bank ċentrali" (subsettur S.121) kif iddefinit fil-paragrafi 2.72 sa 2.74 tal-Anness A tar-Regolament (UE) Nru 549/2013.
Ċekk	Ordni bil-miktub u ffirmata minn parti waħda, jgħid li it-traent, lill-ieħor, jgħid li it-trattarju li fil-prinċipju huwa istituzzjoni ta' kreditu, li jirrikjedi li t-trattarju jħallas somma speċifika mingħajr kundizzjoni u fuq talba lit-traent jew lil parti terza speċifikata mit-traent.
Organizzazzjoni tal-ikklerjar u tas-saldu	Kull organizzazzjoni tal-ikklerjar u tas-saldu li hija parteċipant dirett f'sistema ta' ħlas.
Proporzjon ta' konċentrazzjoni	"Proporzjon ta' konċentrazzjoni" tfisser is-sehem mis-suq tal-ħames l-akbar mittenti ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas f'kull sistema (dan jista' jinkludi lill-bank ċentrali). L-akbar ħames mittenti ta' tranżazzjonijiet f'termini ta' volum jistgħu jvarjaw mill-akbar ħames mittenti f'termini ta' valor. Kull parteċipant li għandu aċċess individwali għas-sistema jingħadd separatament, irrispettivament minn jekk teżistix affiljazzjoni bejn żewġ parteċipanti jew aktar.
Kunsens mogħti permezz ta' mandat elettroniku	Kunsens mogħti minn min iħallas permezz ta' mandat kif iddefinit fl-Artikolu 2(21) tar-Regolament (UE) Nru 260/2012 li jkun f'forma elektronika.
Valur baxx mingħajr kuntatt	Ħlasijiet mingħajr kuntatt li għalihom japplika l-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/389.
Ħlas mingħajr kuntatt	Tranżazzjoni ta' ħlas bl-użu ta' kard jew mezzi oħrajn fejn min iħallas u n-negozjant (u/jew l-apparat tagħhom) ikunu fl-istess post fiżiku u fejn il-komunikazzjoni bejn l-apparat li jinġarr u l-punt tal-bejgħ (POS) isseħħ permezz ta' teknoloġija mingħajr kuntatt.
Kard iffalsifikata	L-użu ta' strument ta' ħlas permezz ta' kard immodifikat jew riprodott illegalment, inkluża r-replikazzjoni jew il-modifikazzjoni tal-istrippa manjetika jew tal-imbuzzar.
Kard tal-flus elettroniċi iffalsifikata	L-użu ta' kard tal-flus elettroniċi mmodifikata jew riprodotta illegalment, inkluż ir-replikazzjoni jew il-modifikazzjoni tal-istrippa manjetika jew tal-imbuzzar.
Kard ta' kreditu	"Kard ta' kreditu" għandha l-istess tifsira ta' "kard ta' kreditu" kif iddefinit fl-Artikolu 2(34) tar-Regolament (UE) Nru 2015/751. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kards ta' debitu ttardjat huma esklużi.
Istituzzjoni ta' kreditu	"Istituzzjoni ta' kreditu" tfisser "istituzzjoni ta' kreditu" kif iddefinit fl-Artikolu 4(1)(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ⁽⁵⁾ .

Terminu	Definizzjoni
Trasferiment ta' kreditu	“Trasferiment ta' kreditu” tfisser “trasferiment ta' kreditu” kif iddefinit fl-Artikolu 4(24) tad-Direttiva (UE) Nru 2015/2366.
Trasferimenti ta' kreditu mibdija b'mod elettroniku	Kwalunkwe trasferiment ta' kreditu li min iħallas jissottometti f'forma mhux ibbażata fuq il-karta, jiġifieri b'mod elettroniku.
Trasferiment ta' kreditu mibdi ffajl/lott	Trasferiment ta' kreditu mibdi b'mod elettroniku li huwa parti minn grupp ta' trasferimenti ta' kreditu mibdija flimkien minn min iħallas permezz ta' linja apposta. Kull trasferiment ta' kreditu li jinsab flott jingħadd bħala trasferiment ta' kreditu separat meta jiġi rrapportat in-numru ta' tranżazzjonijiet.
Trasferiment ta' kreditu mibdi f'forma bbażata fuq il-karta	Trasferiment ta' kreditu mibdi minn min iħallas f'forma bbażata fuq il-karta jew billi jagħti struzzjonijiet lill-persunal over the counter (OTC) sabiex jinbada trasferiment ta' kreditu u kull trasferiment ieħor ta' kreditu, li jirrikjedi pproċessar manwali.
Trasferiment ta' kreditu mibdi fuq bażi ta' hłas uniku	Trasferiment ta' kreditu mibdi b'mod elettroniku li huwa indipendenti minn trasferimenti ta' kreditu oħrajn, jiġifieri li mhux parti minn grupp ta' trasferimenti ta' kreditu mibdija flimkien.
Skema ta' hłas ta' trasferiment ta' kreditu	Irreferi għad-definizzjoni ta' “skema ta' hłas”. Skemi ta' hłas internazzjonali jinkludu l-iskema ta' Trasferiment ta' Kreditu SEPA u l-iskema ta' Trasferiment ta' Kreditu Istantanju SEPA.
Kreditu fil-kontijiet b'entrata sempliċi fil-kotba	Tranżazzjoni ta' kreditu mibdija minn PSP (inkluż emittent ta' flus elettroniċi) mingħajr ordni ta' tranżazzjoni speċifika u eżegwita b'entrata sempliċi fil-kotba (entrata sempliċi fil-kotba tfisser entrata ta' kreditu, lill-kont ta' konsumatur, mingħajr l-użu ta' strument ta' hłas tradizzjonali). It-tranżazzjonijiet li ġejjin huma rrapportati għal din il-partita: (a) hłas ta' imgħax mill-bank; (b) hłas ta' dividend mill-bank; (c) għbid tal-ammont ta' self lill-kont kurrenti tal-konsumatur; u (d) krediti oħrajn lill-kont b'entrata sempliċi fil-kotba. Din id- <i>data</i> hija eskluża minn trasferimenti ta' kreditu.
Tranżazzjoni ta' hłas transkonfinali	Tranżazzjoni ta' hłas mibdija minn min iħallas jew minn min jitħallas, meta l-PSP ta' min iħallas u l-PSP ta' min jitħallas jinsabu f'pajjiżi differenti. Għat-tranżazzjonijiet ta' hłas permezz ta' kard, “tranżazzjoni ta' hłas transkonfinali” tfisser “tranżazzjoni ta' hłas transkonfinali” kif iddefinit fl-Artikolu 2(8) tar-Regolament (UE) 2015/751. ⁽⁶⁾ Speċifikament fil-każ ta' sistemi ta' hłas: tranżazzjoni ta' hłas bejn parteċipanti li jinsabu f'pajjiżi differenti.
Kard ta' debitu	“Kard ta' debitu” tfisser “kard ta' debitu” kif iddefinit fl-Artikolu 2(33) tar-Regolament (UE) 2015/751.
Debiti mill-kontijiet b'entrata sempliċi fil-kotba	Tranżazzjoni ta' debitu mibdija minn PSP (inkluż emittent ta' flus elettroniċi) mingħajr ordni ta' tranżazzjoni speċifika u eżegwita b'entrata sempliċi fil-kotba (entrata ta' debitu) lill-kont ta' konsumatur, jiġifieri mingħajr l-użu ta' strument ta' hłas tradizzjonali. It-tranżazzjonijiet li ġejjin huma rrapportati għal din il-partita: (a) iż-żamma ta' imgħax mill-bank; (b) it-tnaqqis ta' tariffi bankarji; (c) il-hłas ta' taxxi marbuta ma' assi finanzjarji, jekk ikunu tranżazzjoni separata iżda ma jkunux awtorizzati separatament mill-konsumatur; (d) hłasijiet lura tal-ammont ta' self; u (e) debiti oħrajn mill-kont permezz ta' entrata sempliċi fil-kotba. Din id- <i>data</i> hija eskluża minn debiti diretti.
Kard ta' debitu ttardjat	Kard li tippermetti lid-detenturi tal-kard jiddebitaw ix-xirjiet tagħhom lil kont mal-emittent tal-kard sa limitu awtorizzat. Il-bilanċ f'dan il-kont imbagħad jiġi saldat kollu fit-tmiem ta' perjodu predefinit. Id-detentur normalment ikollu jħallas tariffa annwali. Il-karatteristika li tiddistingwi kard b'funzjoni ta' debitu ttardjat minn kard b'funzjoni ta' kreditu jew b'funzjoni ta' debitu, hija l-ftehim kuntrattwali li jagħti linja ta' kreditu iżda li jinkludi obbligu li jiġi saldat id-dejn imgharrab fit-tmiem ta' perjodu predefinit mingħajr ma jitħallsu rati tal-imgħax. Il-Kard ta' dan it-tip hija komunement magħrufa bħala “charge card”.

Terminu	Definizzjoni
Debitu dirett	“Debitu dirett” tfisser “debitu dirett” kif iddefinit fl-Artikolu 4(23) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Debitu dirett mibdi f'fajl/lott	Debitu dirett mibdi b'mod elettroniku li huwa parti minn grupp ta' debiti diretti mibdija flimkien minn min jitħallas. Kull debitu dirett li jinsab flott jingħadd bħala debitu dirett separat meta jiġi rrapportat in-numru ta' tranżazzjonijiet.
Debitu dirett mibdi fuq bażi ta' ħlas uniku	Debitu dirett mibdi b'mod elettroniku li huwa indipendenti minn debiti diretti oħrajn, jiġifieri li ma jifformax parti minn grupp ta' debiti diretti mibdija flimkien.
Skema ta' ħlas b'debitu dirett	Irreferi għad-definizzjoni ta' “skema ta' ħlas”. Skemi internazzjonali ta' debitu dirett jinkludu l-iSkema tas-SEPA ta' Debitu Dirett Core u l-iSkema tas-SEPA ta' Debitu Dirett minn Negozju għal Negozju.
Parteċipant dirett	Entità li hija identifikata jew rikonoxxuta minn sistema ta' ħlas u hija awtorizzata tibgħat u tirċievi ordnijiet ta' ħlas direttament lis-sistema u mis-sistema mingħajr intermedjarju jew hija direttament marbuta mir-regoli li jirregolaw is-sistema ta' ħlas. F'ċerti sistemi, il-parteċipanti diretti jiskambjaw ukoll ordnijiet f'isem parteċipanti indiretti. Kull parteċipant b'aċċess individwali għas-sistema jingħadd separatament.
Tranżazzjoni ta' ħlas domestika	“Tranżazzjoni ta' ħlas domestika” tfisser “tranżazzjoni ta' ħlas nazzjonali” kif iddefinit fl-Artikolu 2(27) tar-Regolament (UE) Nru 260/2012. Għat-tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard, “tranżazzjoni ta' ħlas domestika” tfisser “tranżazzjoni ta' ħlas domestika” kif iddefinit fl-Artikolu 2(9) tar-Regolament (UE) 2015/751.
Kummerċ elettroniku	Il-bejgħ jew ix-xiri ta' prodotti jew servizzi, kemm jekk bejn negozji, unitajiet domestiċi, individwi jew organizzazzjonijiet privati, permezz ta' tranżazzjonijiet elettroniċi mwettqa permezz tal-internet jew networks oħrajn bil-medjazzjoni tal-kompjuter (komunikazzjoni online). It-terminu jkopri l-ordnar ta' prodotti u servizzi li jintbagħtu fuq networks tal-kompjuter, iżda l-ħlas u l-konsenja finali tal-prodotti jew tas-servizz jistgħu jsiru online jew offline.
Terminals EFTPOS	Terminal EFTPOS jikseb informazzjoni dwar ħlas permezz ta' mezzi elettroniċi u huwa ddisinjat, f'xi każijiet, biex jittrażmetti dik l-informazzjoni jew online, b'talba għal awtorizzazzjoni dak il-ħin stess, jew offline. Terminals EFTPOS jinkludu terminals li jitħallew waħedhom.
Flus elettroniċi (e-money)	“Flus elettroniċi” tfisser “flus elettroniċi” kif iddefiniti fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2009/110/KE.
Istituzzjoni tal-flus elettroniċi	“Istituzzjoni tal-flus elettroniċi” tfisser “istituzzjoni tal-flus elettroniċi” kif iddefinit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/110/KE.
Emittent tal-flus elettroniċi	“Emittent tal-flus elettroniċi” tfisser “emittent tal-flus elettroniċi” kif iddefinit fl-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2009/110/KE.
Kont ta' flus elettroniċi	Kont li fih jinħażnu l-flus elettroniċi (?) u li l-bilanċ fih jista' jintuża mid-detentur tal-kont biex jagħmel ħlasijiet u biex jittrasferixxi fondi bejn il-kontijiet.
Kont ta' flus elettroniċi aċċessat permezz ta' kard	Irreferi għad-definizzjonijiet ta' “kont ta' flus elettroniċi” u ta' “kard b'funzjoni ta' flus elettroniċi”.
Kard tal-flus elettroniċi ma waslitx	Kard tal-flus elettroniċi li min iħallas għid li ma rċevix, minkejja li l-PSP ta' min iħallas (l-emittent) jikkonferma li ntbagħtet lil min iħallas (permezz ta' kwalunkwe metodu ta' konsenja).

Terminu	Definizzjoni
Terminal tal-kard tal-flus elettroniċi	Terminal li jippermetti t-trasferiment tal-valur elettroniku minn emittent tal-flus elettroniċi lid-detentur ta' kard b'funzjoni ta' flus elettroniċi u vice versa (jiġifieri kreditar u debitar) jew terminal li jippermetti lid-detenturi ta' flus elettroniċi fuq kard b'funzjoni ta' flus elettroniċi jittrasferixxu valur ta' flus elettroniċi mill-bilanċ tagħhom għall-bilanċ tan-negozjant jew ta' benefiċjarju ieħor.
Terminal li jaċċetta kards tal-flus elettroniċi	Terminal li jippermetti lid-detenturi ta' flus elettroniċi fuq kard b'funzjoni ta' flus elettroniċi li jittrasferixxu l-valur tal-flus elettroniċi mill-bilanċ tagħhom għall-bilanċ tan-negozjant jew ta' benefiċjarju ieħor.
Terminal tal-ikkreditar u d-debitar ta' kards tal-flus elettroniċi	Terminal li jippermetti t-trasferiment ta' valur ta' flus elettroniċi minn emittent ta' flus elettroniċi lid-detentur ta' kard b'funzjoni ta' flus elettroniċi u vice versa, jiġifieri kreditar u debitar.
Kreditar u debitar ta' kards tal-flus elettroniċi	Tranżazzjonijiet li jippermettu t-trasferiment tal-valur ta' flus elettroniċi minn emittent tal-flus elettroniċi lid-detentur ta' kard b'funzjoni tal-flus elettroniċi u vice versa. Kemm tranżazzjonijiet ta' kreditar kif ukoll dawk ta' debitar huma inklużi.
Tranżazzjonijiet ta' ħlas bi flus elettroniċi	"Tranżazzjoni ta' ħlas bi flus elettroniċi" tfisser tranżazzjoni ta' ħlas bl-użu ta' flus elettroniċi. Ara d-definizzjoni ta' "flus elettroniċi".
Ħlas bi flus elettroniċi permezz ta' kards li fuqhom jistgħu jinħażnu direttament flus elettroniċi	Tranżazzjoni fejn id-detentur ta' kard b'funzjoni ta' flus elettroniċi jittrasferixxi l-valur tal-flus elettroniċi mill-bilanċ tiegħu maħżun fuq il-kard fil-bilanċ tal-benefiċjarju.
Ħlas bi flus elettroniċi permezz ta' kontijiet ta' flus elettroniċi	Tranżazzjoni li permezz tagħha l-fondi jiġu ttrasferiti mill-kont tal-flus elettroniċi ta' min iħallas, fil-kont ta' min jitħallas. Ara d-definizzjoni ta' "kontijiet ta' flus elettroniċi".
Ħlas bi flus elettroniċi b'kontijiet ta' flus elettroniċi li minnhom: aċċessati permezz ta' kard	Tranżazzjoni li permezz tagħha kard tintuża għall-aċċess għal kont tal-flus elettroniċi u sussegwentament fondi jiġu ttrasferiti mill-kont tal-flus elettroniċi ta' min iħallas fil-kont ta' min jitħallas. Ara d-definizzjoni ta' "kontijiet ta' flus elettroniċi".
Tranżazzjoni ta' ħlas frodulent	"Tranżazzjoni ta' ħlas frodulent" tinkludi kull każ ta' frodi ta' ħlas imsemmi fil-Linja Gwida 1.1 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar rekwiżiti ta' rapportar għal <i>data</i> dwar frodi taħt l-Artikolu 96(6) PSD2 (EBA/GL/2018/05).
Fondi	"Fondi" tfisser "fondi" kif iddefiniti fl-Artikolu 4(25) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Parteċipant indirett	Parteċipant, f'sistema ta' ħlas b'arranġament imtarraġ, li juża parteċipant dirett bħala intemedjarju għat-tweqqif ta' wħud mill-attivitajiet, b'mod partikolari s-saldu, permessi fis-sistema. It-tranżazzjonijiet kollha li jsiru minn parteċipant indirett jiġu saldati fil-kont ta' parteċipant dirett li jkun qabel li jirrappreżenta lill-partiċipant indirett inkwistjoni. Kull parteċipant li jista' jiġi indirizzat b'mod individwali fis-sistema jingħadd separatament, kemm jekk teżisti rabta legali bejn żewġ partiċipanti jew aktar kif ukoll jekk le.
Bidu ta' tranżazzjoni ta' ħlas	Is-sottomissjoni ta' ordni ta' ħlas ⁽⁸⁾ minn utent ta' servizz ta' ħlas.
Ħlas istantanju	Ħlasijiet istantanji huma ħlasijiet elettroniċi tal-konsumatur li jiġu pproċessati f'ħin reali, 24 siegħa kuljum, 365 jum fis-sena, fejn il-fondi jkunu magħmula disponibbli minnufih għall-użu mir-riċevitur.
Istituzzjonijiet li joffru servizzi ta' ħlas lill-istituzzjonijiet li mhumiex MFIs	Jinkludi lill-PSPs kollha kif iddefinit f'dan l-Anness u li joffru servizzi ta' ħlas lill-istituzzjonijiet li mhumiex MFIs.

Terminu	Definizzjoni
Tariffa tal-interkambju	“Tariffa tal-interkambju” tfisser “tariffa tal-interkambju” kif iddefinit fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament (UE) 2015/751.
Ħruġ ta' ordni ta' ħlas mill-frodista	“Ħruġ ta' ordni ta' ħlas mill-frodista” tfisser “ħruġ ta' ordni ta' ħlas mill-frodista” kif iddefinit fil-Linja Gwida 1.6. d. tal-Linji Gwida tal-EBA dwar rekwiżiti ta' rapportar għal <i>data</i> dwar frodi taħt l-Artikolu 96(6) PSD2 (EBA/GL/2018/05).
Sistema ta' ħlas ta' valur għoli (LVPS)	“Sistema ta' ħlas ta' valur għoli” tfisser “sistema ta' ħlas ta' valur għoli” kif iddefinit fl-Artikolu 2 (18) tar-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
Telf minħabba frodi skont min iġarrab l-obbligazzjoni	“Telf minħabba frodi skont min iġarrab l-obbligazzjoni” tfisser “Telf minħabba frodi skont min iġarrab l-obbligazzjoni” kif iddefinit fil-Linja Gwida 1.6. b. tal-Linji Gwida tal-EBA dwar rekwiżiti ta' rapportar għal <i>data</i> dwar frodi taħt l-Artikolu 96(6) PSD2 (EBA/GL/2018/05).
Kard mitlufa jew misruqa	Tip ta' frodi li sseħħ bl-użu ta' strument ta' ħlas permezz ta' kard mitluf jew misruq (kard ta' debitu, ta' debitu ttardjat jew ta' kreditu) mingħajr l-awtorità effettiva, impliċita jew apparenti tad-detentur tal-kard.
Kard tal-flus elettroniċi mitlufa jew misruqa	Tip ta' frodi li sseħħ bl-użu ta' kard tal-flus elettroniċi mitlufa jew misruqa mingħajr l-awtorità effettiva, impliċita jew apparenti tad-detentur tal-kard.
Valur baxx	Tranżazzjonijiet ta' ħlas li għalihom tapplika l-eċċezzjoni fl-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/389.
Manipulazzjoni ta' min iħallas	“Manipulazzjoni ta' min iħallas” tfisser “manipulazzjoni ta' min iħallas” kif iddefinit fil-Linja Gwida 1.1. b. tal-Linji Gwida tal-EBA dwar rekwiżiti ta' rapportar għal <i>data</i> dwar frodi taħt l-Artikolu 96(6) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 (EBA/GL/2018/05).
Negozjant	Entità li hija awtorizzata li tirċievi fondi bi skambju għall-konsenja ta' prodotti u/jew ta' servizzi u li stabbilixxiet ftehim ma' PSP, biex taċċetta dawn il-fondi.
Kodiċi tal-kategorija tan-negozjant (MCC)	Numru b'erba' ċifri (elenkat f'ISO 18245) għal servizzi finanzjarji tal-konsumatur. L-MCC jintuża biex jikklassifika n-negozju skont it-tip ta' prodotti jew servizzi li jipprovdi.
Tranżazzjoni mibdija minn negozjant (MIT)	“Tranżazzjoni mibdija minn negozjant” tfisser “Tranżazzjoni mibdija minn negozjant” kif iddefinit fl-Anness II, Parti C, nota ta' qiegħ il-paġna 4 tal-Linji Gwida tal-EBA li jemendaw il-Linji Gwida tal-EBA dwar rekwiżiti ta' rapportar għal <i>data</i> dwar frodi taħt l-Artikolu 96(6) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 (EBA/GL/2020/01).
Soluzzjoni ta' ħlas ċellulari	Soluzzjoni użata biex jinbdew ħlasijiet li għalihom tiġi trażmessi u/jew ikkonfermati d- <i>data</i> dwar il-ħlasijiet u l-istruzzjonijiet tal-ħlasijiet permezz ta' komunikazzjoni ċellulari u teknoloġija tat-trażmissjoni tad- <i>data</i> permezz ta' apparat ċellulari. Din il-kategorija tinkludi kartieri diġitali u soluzzjonijiet oħrajn ta' ħlas ċellulari li jintużaw biex jinbdew tranżazzjonijiet P2P (minn persuna għal persuna) u/jew C2B (minn konsumatur għal negozju), jiġifieri trasferimenti ta' kreditu, ħlasijiet permezz ta' kard u/jew tranżazzjonijiet bi flus elettroniċi.
Modifika ta' ordni ta' ħlas mill-frodista	“Modifika ta' ordni ta' ħlas mill-frodista” tfisser “modifika ta' ordni ta' ħlas mill-frodista” kif iddefinit fil-Linja Gwida 1.6. c tal-Linji Gwida tal-EBA dwar rekwiżiti ta' rapportar għal <i>data</i> dwar frodi taħt l-Artikolu 96(6) PSD2 (EBA/GL/2018/05).
Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFIs)	Istituzzjoni finanzjarja monetarja (MFI) tfisser “Istituzzjoni finanzjarja monetarja” kif iddefinit fil-paragrafu 2.67 tal-Anness A tar-Regolament (UE) Nru 549/2013.
Rimessa ta' flus	“Rimessa ta' flus” tfisser “rimessa ta' flus” kif iddefinit fl-Artikolu 4(22) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.

Terminu	Definizzjoni
Ħlas b'Komunikazzjoni Near Field (NFC)	Tranżazzjoni ta' ħlas mingħajr kuntatt bl-użu tat-teknoloġija NFC (ISO/IEC 18092).
Istituzzjonijiet li mhumiex MFIs	Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li ma tappartjenix għas-settur tal-MFIs. Għall-finijiet tal-istatistika tal-ħlasijiet, il-PSPs kollha huma esklużi mis-settur "istituzzjonijiet li mhumiex MFIs".
Numru ta' kontijiet aċċessati minn AISP	In-numru ta' kontijiet differenti aċċessati mill-AISP fil-perjodu ta' rapportar.
Numru ta' konsumaturi	In-numru ta' utenti ta' servizz ta' ħlas li lilhom l-AISP joffri s-servizzi tiegħu.
Numru ta' depożiti matul il-lejl	Numru ta' kontijiet li jżommu depożiti matul il-lejl kif iddefinit f'"Kategoriji ta' strumenti" fil-punt 9.1 tat-tabella "Kategoriji ta' strumenti" tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).
Numru ta' depożiti matul il-lejl li <i>minnhom</i> : numru ta' depożiti matul il-lejl konnessi mal-Internet/PC	Numru ta' kontijiet ta' depożiti matul il-lejl miżmuma minn istituzzjonijiet li mhumiex MFIs li d-detentur tal-kont jista' jaċċessa u juża b'mod elettroniku permezz tal-internet jew permezz ta' applikazzjonijiet bankarji fuq il-kompjuter permezz ta' software apposta u linji ta' telekommunikazzjoni apposta.
Numru ta' depożiti trasferibbli matul il-lejl	Numru ta' kontijiet li jżommu depożiti trasferibbli matul il-lejl kif iddefinit fil-"Kategoriji ta' strumenti" fil-punt 9.1a tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).
Numru ta' depożiti trasferibbli matul il-lejl li <i>minnhom</i> : numru ta' depożiti trasferibbli matul il-lejl konnessi mal-Internet/PC	Numru ta' kontijiet li jżommu depożiti trasferibbli matul il-lejl kif iddefinit fil-"Kategoriji ta' strumenti" fil-punt 9.1a tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33) miżmuma minn istituzzjonijiet li mhumiex MFIs li d-detentur tal-kont jista' jaċċessa u juża b'mod elettroniku permezz tal-internet jew permezz ta' applikazzjonijiet bankarji fuq il-kompjuter permezz ta' software apposta u linji ta' telekommunikazzjoni apposta.
Trasferimenti ta' kreditu bbażati fuq servizzi bankarji online	Trasferiment ta' kreditu mibdi permezz ta' servizzi bankarji online u servizzi ta' bidu ta' ħlas.
Depożiti ta' flus kontanti over the counter (OTC)	Depożitu ta' flus kontanti lil kont mal-PSP bl-użu ta' formola, inkluż meta l-kard tintuża biss biex jiġi identifikat min iħallas.
Ġbidiet ta' flus kontanti over the counter (OTC)	Ġbid ta' flus minn kont mal-PSP bl-użu ta' formola, inkluż meta l-kard tintuża biss biex jiġi identifikat min jiġihallas.
Parteċipanti diretti oħrajn	Kwalunkwe parteċipant dirett f'sistema ta' ħlas, minbarra l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-banek ċentrali.
Emittent ieħor ta' flus elettroniċi	Emittenti oħrajn ta' flus elettroniċi li mhumiex "istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi" u "istituzzjonijiet ta' kreditu". Irreferi għad-definizzjoni ta' "emittent ta' flus elettroniċi".
Istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn	L-istituzzjonijiet finanzjarji kollha li jipparteċipaw f'sistema ta' ħlas li huma taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet rilevanti, jiġifieri jew il-bank ċentrali jew is-superviżur prudenzjali, imma li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.
PSPs u emittenti ta' flus elettroniċi oħrajn	PSPs u emittenti ta' flus elettroniċi oħrajn tfisser "Fornituri ta' servizzi ta' ħlas" kif iddefinit f'dan l-Anness minbarra l-istituzzjonijiet ta' kreditu kif iddefinit f'dan l-Anness, l-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi kif iddefinit f'dan l-Anness, l-istituzzjonijiet ta' ħlas kif iddefinit f'dan l-Anness u l-banek ċentrali kif iddefinit f'dan l-Anness.

Terminu	Definizzjoni
Servizzi ta' ħlas oħrajn	Kwalunkwe servizz ta' ħlas fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/2366 iżda li ma jistgħux jiġu inklużi f'xi waħda mill-kategoriji l-oħrajn ta' servizz ta' ħlas fl-Anness III.
Servizzi oħrajn mhux inklużi fid-Direttiva (UE) 2015/2366	Kwalunkwe servizz li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2015/2366 u li ma jistax jiġi inkluż fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji l-oħrajn ta' servizz ta' ħlas fl-Anness III.
Valur pendenti fuq ħaż-niet ta' flus elettroniċi maħruġ minn emittenti ta' flus elettroniċi	Valur, fl-aħħar tal-perjodu tar-rapportar, tal-flus elettroniċi maħruġ minn emittenti ta' flus elettroniċi u miżmum minn entitajiet li mhumiex l-emittent, inklużi emittenti ta' flus elettroniċi li mhumiex l-emittent.
Soluzzjoni ta' ħlas ċellulari P2P	Soluzzjoni li permezz tagħha l-ħlasijiet jinbdeu, jiġu kkonfermati u/jew riċevuti minn individwu lil/minn individwu ieħor (P2P), permezz ta' apparat ċellulari. L-istruzzjoni ta' ħlas u data oħra ta' ħlas jiġu trażmessi u/jew jiġu kkonfermati b'apparat ċellulari. Identifikatur distintiv ta' ħlas ċellulari, bħal numru tat-telefown ċellulari jew indirizz tal-email, jista' jintuża bħala proxy biex jiġi identifikat min iħallas u/jew min jitħallas. Soluzzjonijiet ta' ħlas ċellulari P2P jistgħu jintużaw biex jinbdeu trasferimenti ta' kreditu, ħlasijiet permezz ta' kard u/jew tranżazzjonijiet bi flus elettroniċi.
Min jitħallas	"Min jitħallas" tfisser "min jitħallas" kif iddefinit fl-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Min iħallas	"Min iħallas" tfisser "min iħallas" kif iddefinit fl-Artikolu 4(8) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Kont ta' ħlas	"Kont ta' ħlas" tfisser "kont ta' ħlas" kif iddefinit fl-Artikolu 4(12) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Skema ta' kard ta' ħlas (PCS)	"Skema ta' kard ta' ħlas" tfisser "skema ta' kard ta' ħlas" kif iddefinit fl-Artikolu 2(16) tar-Regolament (UE) Nru 2015/751.
Servizz ta' bidu ta' ħlas	"Servizz ta' bidu ta' ħlas" tfisser "servizz ta' bidu ta' ħlas" kif iddefinit fl-Artikolu 4(15) tad-Direttiva (UE) 2015/2366
Fornitur ta' servizz ta' bidu ta' ħlas (PISP)	"Fornitur ta' servizz ta' bidu ta' ħlas (PISP)" tfisser "fornitur ta' servizz ta' bidu ta' ħlas" kif iddefinit fl-Artikolu 4(18) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Istituzzjoni ta' ħlas	"Istituzzjoni ta' ħlas" tfisser "istituzzjoni ta' ħlas" kif iddefinit fl-Artikolu 4(4) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Strument ta' ħlas	"Strument ta' ħlas" tfisser "strument ta' ħlas" kif iddefinit fl-Artikolu 4(14) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Ordni ta' ħlas	"Ordni ta' ħlas" tfisser "ordni ta' ħlas" kif iddefinit fl-Artikolu 4(13) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Skema ta' ħlas	"Skema ta' ħlas" tfisser sett ta' regoli formali, standardizzati u komuni li jippermettu t-trasferiment ta' valur bejn l-utenti finali permezz ta' strumenti ta' ħlas elektroniku. Din tkun immaniġġjata minn korp ta' governanza.
Fornitur ta' servizz ta' ħlas (PSP)	"Fornitur ta' servizz ta' ħlas" tfisser "fornitur ta' servizz ta' ħlas" kif iddefinit fl-Artikolu 4(11) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Utent ta' servizz ta' ħlas (PSU)	"Utent ta' servizz ta' ħlas" tfisser "utent ta' servizz ta' ħlas" kif iddefinit fl-Artikolu 4(10) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Servizz ta' ħlas	"servizz ta' ħlas" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet ta' negozju elenkati fl-Anness I tad-Direttiva (UE) Nru 2015/2366 jew kwalunkwe wieħed mis-servizzi elenkati fl-Artikolu 4(3)(a) ta' dan ir-Regolament.
Sistema ta' ħlas	"Sistema ta' ħlas" tfisser "sistema ta' ħlas" kif iddefinit fl-Artikolu 4(7) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.

Terminu	Definizzjoni
Operatur ta' sistema ta' ħlas (PSO)	"PSO" tfisser entità legali li hija legalment responsabbli għat-tħaddim ta' sistema ta' ħlas.
Ħlas li persuna tagħmel lilha nfisha	Tranżazzjonijiet ta' ħlas li għalihom tapplika l-eċċezzjoni fl-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/389.
Punt tal-bejgħ	"Punt tal-bejgħ" tfisser "punt tal-bejgħ" kif iddefinit fl-Artikolu 2(29) tar-Regolament (UE) 2015/751.
Terminal tal-punt tal-bejgħ (POS)	Apparat fiżiku użat f'post ta' bejgħ lill-konsumatur biex jaqbad informazzjoni dwar ħlas tipikament b'mod elettroniku, għal tranżazzjonijiet bejn konsumatur u negozju (xirjiet). L-informazzjoni dwar ħlas tinqabad jew manwalment fuq kupuni tal-karti jew b'mezzi elettroniċi, jiġifieri EFTPOS.
Terminal POS li jaċċetta tranżazzjonijiet bi flus elettroniċi	Terminal POS li addizzjonalment jista' jaċċetta ħlasijiet bi flus elettroniċi. Terminals ta' kards tal-flus elettroniċi li jaċċettaw biss ħlasijiet bi flus elettroniċi mhumiex inklużi (?).
Tranżazzjonijiet f'POS (ħlief għal tranżazzjonijiet bi flus elettroniċi)	Tranżazzjonijiet imwettqa permezz ta' terminal POS bl-użu ta' kard jew mezzi oħrajn li jkun fih l-applikazzjoni ta' ħlas xierqa. Tranżazzjonijiet bl-użu ta' kard b'funzjoni ta' flus elettroniċi u antiċipi ta' flus f'POS mhumiex inklużi.
Gvern ġenerali	Gvern ġenerali tfisser "Gvern ġenerali" (settur S.13) kif iddefinit fil-paragrafi 2.111 sa 2.117 tal-Anness A tar-Regolament (UE) Nru 549/2013.
Tranżazzjoni rikorrenti	Tranżazzjonijiet ta' ħlas li għalihom tapplika l-eċċezzjoni fl-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/389.
Tranżazzjoni ta' ħlas mill-bogħod	"Tranżazzjoni ta' ħlas mill-bogħod" tfisser "tranżazzjoni ta' ħlas mill-bogħod" kif iddefinit fl-Artikolu 4(6) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Sistema ta' ħlas bl-immnut (RPS)	"Sistema ta' ħlas bl-immnut" tfisser "sistema ta' ħlas bl-immnut" kif iddefinit fl-Artikolu 2(22) tar-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
Proċessi u protokoll ta' ħlasijiet korporattivi sikuri	Tranżazzjonijiet ta' ħlas li għalihom tapplika l-eċċezzjoni fl-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/389.
Żona Unika ta' Pagamenti bl-euro (SEPA)	SEPA hija inizjattiva ta' integrazzjoni ta' ħlasijiet tal-Unjoni Ewropea (UE) intiża sabiex tarmozza l-ħlasijiet elettroniċi bl-euro fl-Ewropa. Hija relatata ma' sett komuni ta' rekwiżiti tekniċi u kummerċjali speċifikati għal tranżazzjonijiet ta' ħlas feuro kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 260/2012.
Awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur (SCA)	"Awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur (SCA)" tfisser "awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur" kif iddefinit fl-Artikolu 4(30) tad-Direttiva (UE) 2015/2366.
Arranġament imtarraġ	Arranġament li permezz tiegħu l-parteċipanti indiretti f'sistemi jeħtieġu s-servizzi tal-parteċipanti diretti sabiex iwettqu t-tranżazzjonijiet tagħhom.
Numru totali ta' kards (irrispettivament min-numru tal-funzjonijiet fuq il-kard)	Numru totali tal-kards fiċ-ċirkolazzjoni. Dawn jista' jkollhom funzjoni waħda jew aktar minn dawn li ġejjin: flus kontanti, debitu, kreditu, debitu ttardjat jew flus elettroniċi.
Tranżazzjonijiet ta' ħlas totali li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex MFIs	Numru totali ta' tranżazzjonijiet permezz ta' strumenti ta' ħlas li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex MFIs. Valur totali ta' tranżazzjonijiet li jużaw strumenti ta' ħlas li jinvolvu istituzzjonijiet li mhumiex MFIs.
Total ta' tranżazzjonijiet mibgħuta	Numru totali ta' tranżazzjonijiet ippreżentati u pproċessati f'sistema ta' ħlas partikolari. Valur totali ta' tranżazzjonijiet ippreżentati u pproċessati f'sistema ta' ħlas partikolari.

Terminu	Definizzjoni
Analiżi tar-Riskju tat-Tranżazzjoni (TRA)	Tranżazzjonijiet ta' ħlas li għalihom tapplika l-eċċezzjoni fl-Artikolu 18 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/389.
Tranżazzjonijiet f' terminals fejn jiġu akkwistati tranżazzjonijiet minn PSPs residenti permezz ta' kards maħruġa minn PSPs residenti	Tranżazzjonijiet ta' ħlas li jitwettqu fit-terminals kollha fejn jiġu akkwistati tranżazzjonijiet minn PSPs residenti (jiġifieri kemm jekk it-terminals jinsabu barra mill-pajjiż li fih jinsab il-PSP kif ukoll jekk jinsabu fih) u fejn il-kards użati fit-tranżazzjonijiet jinħarġu minn PSPs residenti. It-tqassim ġeografiku (kif speċifikat fl-Anness III) jirreferi għall-pajjiż fejn jinsabu t-terminals.
Tranżazzjonijiet f' terminals fejn jiġu akkwistati tranżazzjonijiet minn PSPs residenti permezz ta' kards maħruġa minn PSPs mhux residenti	Tranżazzjonijiet ta' ħlas li jitwettqu fit-terminals kollha fejn jiġu akkwistati tranżazzjonijiet minn PSPs residenti (jiġifieri kemm jekk it-terminals jinsabu barra mill-pajjiż li fih jinsab il-PSP kif ukoll jekk jinsabu fih) u fejn il-kards użati fit-tranżazzjonijiet jinħarġu minn PSPs mhux residenti. It-tqassim ġeografiku (kif speċifikat fl-Anness III) jirreferi għall-pajjiż fejn jinsabu t-terminals.
Tranżazzjonijiet f' terminals fejn jiġu akkwistati tranżazzjonijiet minn PSPs mhux residenti b'kards maħruġa minn PSPs residenti	Tranżazzjonijiet ta' ħlas li jitwettqu fit-terminals kollha fejn jiġu akkwistati tranżazzjonijiet minn PSPs mhux residenti (jiġifieri kemm jekk it-terminals jinsabu barra mill-pajjiż li fih jinsab il-PSP kif ukoll jekk jinsabu fih), fejn il-kards użati fit-tranżazzjonijiet jinħarġu minn PSPs residenti. It-tqassim ġeografiku (kif speċifikat fl-Anness III) jirreferi għall-pajjiż fejn jinsabu t-terminals.
Tranżazzjoni riċevuta	Tranżazzjoni li tinvolvi istituzzjonijiet li mhumiex MFIs riċevuta minn PSPs. L-informazzjoni hija pprovduta fil-pajjiż li jirrapporta mill-PSP residenti. Għal servizzi ta' ħlas differenti, japplikaw dawn li ġejjin: (a) it-trasferimenti ta' kreditu jingħaddu fuq in-naħa ta' min jitħallas; (b) id-debiti diretti jingħaddu fuq in-naħa ta' min iħallas; (c) iċ-ċekkijiet jingħaddu fuq in-naħa ta' min iħallas; (d) it-tranżazzjonijiet permezz ta' kard jingħaddu fuq in-naħa ta' min jitħallas, jiġifieri n-naħa tal-akkwist; (e) it-tranżazzjonijiet tal-ħlas bil-flus elettroniċi jingħaddu jew fuq in-naħa ta' min iħallas jew ta' min jitħallas, skont il-kanal ta' bidu. Jekk jingħaddu fuq in-naħa ta' min iħallas (ta' min jitħallas) taħt it-tranżazzjonijiet riċevuti, it-tranżazzjoni għandha tingħadd fuq in-naħa ta' min jitħallas (ta' min iħallas) taħt tranżazzjonijiet mibgħuta.
Tranżazzjoni mibgħuta	Tranżazzjoni li tinvolvi istituzzjonijiet li mhumiex MFIs mibgħuta lill-PSPs. L-informazzjoni hija pprovduta fil-pajjiż li jirrapporta mill-PSP residenti. Għal servizzi ta' ħlas differenti, japplikaw dawn li ġejjin: (a) it-trasferimenti ta' kreditu jingħaddu fuq in-naħa ta' min iħallas; (b) id-debiti diretti jingħaddu fuq in-naħa ta' min jitħallas; (c) iċ-ċekkijiet jingħaddu fuq in-naħa ta' min jitħallas; (d) it-tranżazzjonijiet permezz ta' kard jingħaddu fuq in-naħa ta' min iħallas, jiġifieri in-naħa tal-ħruġ; (e) it-tranżazzjonijiet tal-ħlas bil-flus elettroniċi jingħaddu jew fuq in-naħa ta' min iħallas jew ta' min jitħallas, skont il-kanal ta' bidu. Jekk jingħaddu fuq in-naħa ta' min iħallas (ta' min jitħallas) taħt it-tranżazzjonijiet mibgħuta, it-tranżazzjoni għandha tingħadd fuq in-naħa ta' min jitħallas (ta' min iħallas) taħt it-tranżazzjonijiet riċevuti. Rigward is-sistemi ta' ħlas, din hija tranżazzjoni mibgħuta minn parteċipant għall-ipproċessar mis-sistema ta' ħlas.
Depożiti trasferibbli	"Depożiti trasferibbli" tfisser "depożiti trasferibbli" kif iddefinit fil-"Kategoriji ta' strumenti" punt 9.1a tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1071/2013 (BĊE/2013/33).
Benefiċjarji fdati	Tranżazzjonijiet ta' ħlas li għalihom tapplika l-eċċezzjoni fl-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/389.
Terminals li jitħallew waħedhom għat-tariffi tat-trasport jew tal-parkeġġ	Tranżazzjonijiet ta' ħlas li għalihom tapplika l-eċċezzjoni fl-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/389.

Terminu	Definizzjoni
Tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata	"Tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata" tfisser "tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata" kif iddefinit fil-Linja Gwida 1.1.a tal-Linji Gwida tal-EBA dwar rekwiżiti ta' rapportar għal <i>data</i> dwar frodi taħt l-Artikolu 96(6) PSD2 (EBA-GL-2018-05).
Tranżazzjoni mhux awtorizzata minn kont ta' flus elettroniċi	"Tranżazzjoni mhux awtorizzata minn kont ta' flus elettroniċi" tfisser "tranżazzjoni ta' ħlas mhux awtorizzata" kif iddefiniti iktar 'il fuq fir-rigward tal-użu ta' kont ta' flus elettroniċi.

(¹) Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-transazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 1).

(²) Ara d-definizzjoni ta' "tranżazzjoni ta' ħlas" fir-Regolament.

(³) Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/389 tas-27 ta' Novembru 2017 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-awtentikazzjoni qawwija tal-konsumatur u standards miftuħin ta' komunikazzjoni li jkunu komuni u sikuri (ĠU L 69, 13.3.2018, p. 23).

(⁴) Ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-transazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 1).

(⁵) Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

(⁶) It-tranżazzjonijiet ta' ħlas transkonfinali permezz ta' kard, kif iddefinit fl-Anness II, jirrikjedu informazzjoni dwar ir-residenza tal-kontroparti u l-post fejn jinsab il-punt tal-bejgħ sabiex jiġi ddeterminat jekk tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kard humiex transkonfinali. Għaldaqstant, ir-residenza tal-kontroparti u l-post fejn jinsab il-punt tal-bejgħ għandhom jiġu rrapportati flimkien.

(⁷) Ara d-definizzjoni ta' "flus elettroniċi" f'dan l-Anness.

(⁸) Ara d-definizzjoni ta' "ordni ta' ħlas" f'dan l-Anness.

(⁹) Ara d-definizzjoni ta' "terminals ta' kards tal-flus elettroniċi" f'dan l-Anness.

ANNEX III

SKEMI TA' RAPPORTAR

Iċ-ċelloli mmarkati bil-griż jirrappreżentaw ir-rekwiżiti tar-rapportar. Fornituri ta' servizzi ta' ħlas għandhom jirrapportaw it-Tabelli 1 sa 6 u t-Tabella 9; l-operaturi ta' sistemi ta' ħlas għandhom jirrapportaw it-Tabelli 7 u 8. Hemm żewġ verżjonijiet tat-Tabelli 4 u 5, li minnhom waħda biss għandha tkun irrapportata. It-Tabelli 4a u 5a għandhom jiġu rrapportati mill-fornituri kollha ta' servizzi ta' ħlas li ma ngħatawx deroga skont l-Artikolu 4, filwaqt li l-aġenti li jirrapportaw li ngħataw deroga skont l-Artikolu 4(2) u (3) għandhom jirrapportaw it-tagħrif statistiku fit-Tabelli 4b u 5b. It-tqassim ġeografiku huwa spjegat fid-dettall fl-aħħar ta' dan l-Anness.

It-Tabella 1 hija rrapportata mill-PSPs kollha, ħlief dawk mogħtija deroga skont l-Artikolu 4(2) u (3), fuq bażi semi-annwali.

Tabella 1

Istituzzjonijiet li joffru servizzi ta' ħlas lil istituzzjonijiet li mhumiex istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (istituzzjonijiet li mhumiex MFIs)

(Tmiem tal-perjodu; numru f'unitajiet effettivi; valur f'EUR; Ġeo 0 ħlief meta indikat mod ieħor)

	Numru	Valur
Istituzzjonijiet ta' kreditu		
Numru ta' depożiti matul il-lejl		
<i>li minnhom:</i>		
Numru ta' depożiti matul il-lejl konnessi mal-internet/kompjuter (PC)		
Numru ta' depożiti trasferibbli matul il-lejl		
<i>li minnhom:</i>		
Numru ta' depożiti trasferibbli matul il-lejl konnessi mal-internet/kompjuter (PC)		
Numru ta' kontijiet ta' ħlas		
Numru ta' kontijiet ta' flus elettroniċi		
Valur pendenti fuq ħażniet ta' flus elettroniċi maħruġa ⁽¹⁾		
Fornituri ta' Servizzi ta' Informazzjoni dwar il-Kontijiet		
Numru ta' klijenti	Ġeo 3	
Istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi		
Numru ta' kontijiet ta' ħlas		
Numru ta' kontijiet ta' flus elettroniċi		
Valur pendenti fuq ħażniet ta' flus elettroniċi maħruġa ⁽¹⁾		

	Numru	Valur
Istituzzjonijiet ta' ħlas		
Numru ta' kontijiet ta' ħlas		
Fornituri ta' Servizzi ta' Informazzjoni dwar il-Kontijiet		
Numru ta' klijenti	Ġeo 3	
PSPs u emittenti ta' flus elettroniċi oħrajn		
Numru ta' kontijiet ta' ħlas		
Numru ta' kontijiet ta' flus elettroniċi		
Valur pendenti fuq ħażniet ta' flus elettroniċi maħruġa ⁽¹⁾		
Fornituri ta' Servizzi ta' ħlas li jisservisjaw il-Kontijiet		
Numru ta' kontijiet ta' ħlas aċċessati mill-Fornituri ta' Servizz ta' Informazzjoni dwar il-Kontijiet	Ġeo 3	

(¹) Valur pendenti fuq ħażniet ta' flus elettroniċi maħruġa minn emittenti ta' flus elettroniċi.

It-Tabella 2 hija rrapportata mill-PSPs kollha, ħlief dawk mogħtija deroga skont l-Artikolu 4(2) u (3), fuq bażi semi-annwali.

Tabella 2

Funzjonijiet tal-kards

(Tmiem tal-perjodu; numru f'unitajiet effettivi; Ġeo 0)

Kards maħruġa minn PSPs residenti	Numru
Kards b'funzjoni ta' flus kontanti	
Kards b'funzjoni ta' ħlas (ħlief għal kards b'funzjoni ta' flus elettroniċi biss)	
<i>li minnhom:</i>	
Kard ta' debitu	
maħruġa taħt PCS VISA	
maħruġa taħt PCS MASTERCARD	
maħruġa taħt PCSs oħrajn ⁽¹⁾	
Kard ta' debitu ttardjat	
maħruġa taħt PCS VISA	
maħruġa taħt PCS MASTERCARD	

Kards maħruġa minn PSPs residenti	Numru
maħruġa taħt PCSs oħrajn ⁽¹⁾	
Kard ta' kreditu	
maħruġa taħt PCS VISA	
maħruġa taħt PCS MASTERCARD	
maħruġa taħt PCSs oħrajn ⁽¹⁾	
Kards b'funzjoni ta' flus elettroniċi	
Kards li fuqhom jistgħu jinħażnu flus elettroniċi b'mod dirett	
<i>li minnhom:</i>	
Kards b'funzjoni ta' flus elettroniċi li ġew ikkreditati mill-inqas darba	
Kards li jagħtu aċċess għall-flus elettroniċi maħżuna f'kontijiet ta' flus elettroniċi	
Numru totali ta' kards (irrispettivament min-numru ta' funzjonijiet fuq il-kard)	
<i>li minnhom:</i>	
Kards b'funzjoni kkombinata ta' debitu, ta' flus kontanti u ta' flus elettroniċi	
Kards b'funzjoni ta' ħlas mingħajr kuntatt	

⁽¹⁾ Kards maħruġa taħt kull PCS ieħor għandhom ikunu rrapportati separatament kif meħtieġ mill-BĊN.

